

Brussell, 13 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0381(COD)**

16013/1/22
REV 1

AG 159
COMPET 1027
INST 460
PE 154
DATAPROTECT 360
FREMP 269
CONSOM 338
TELECOM 524
AUDIO 139
MI 937
DISINFO 107
FIN 1356
CODEC 2009

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	15669/22
Nru dok. Cion:	14374/21 + COR 1 + COR 1 REV 1; + ADD 1 + COR 1 + ADD 1 COR 1 REV 1; + ADD 2 to 4 - COM(2021) 731 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu, fl-Anness għal din in-nota, it-test tal-approċċ ġenerali maqbul mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2022.

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar it-trasparenza u l-immirar tar-reklamar politiku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 16 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

¹ ĠU C , , p.

² ĠU C , , p. .

Billi:

- (1) Il-provvista u d-domanda għal reklamar politiku qed jikbru u qed isiru dejjem aktar transfruntieri fin-natura tagħhom. Għadd kbir, diversifikat u dejjem jiżdied ta' servizzi huma assoċjati ma' din l-attività, bħal konsulenti politiċi, aġenziji tar-reklamar, pjattaformi "ad-tech", ditti tar-relazzjonijiet pubbliċi, influencers u diversi operaturi tal-analitika tad-data u tas-senserija. Ir-reklamar politiku jista' jieħu ħafna forom, inkluż kontenut imħallas, riżultati ta' tiftix sponsorjati, messaġġi mmirati mħallsa, promozzjoni fil-klassifikazzjonijiet, promozzjoni ta' xi ħaġa jew xi ħadd integrat f'kontenut bħall-inklużjoni ta' prodott kummerċjali, influencers u approvazzjonijiet oħra. Attivitàjiet relatati jistgħu jinvolvu pereżempju d-disseminazzjoni tar-reklamar politiku fuq talba ta' sponsor jew il-pubblikazzjoni ta' kontenut bi ħlas.
- (2) Ir-reklamar politiku jista' jiġi disseminat jew jiġi ppubblikat permezz ta' diversi mezzi u media bejn il-fruntieri. Dan jista' jiġi disseminat jew ippubblikat permezz ta' media tradizzjonali offline bħall-gazzetti, it-televiżjoni u r-radju, u wkoll dejjem aktar permezz ta' pjattaformi online, siti web, applikazzjonijiet mobbli, loġhob tal-kompjuter u interfaċċi diġitali oħra. Dawn tal-aħħar mhux biss huma partikolarment suxxettibbli li jiġu offruti b'mod transfruntier, iżda wkoll iqajmu sfidi regolatorji u ta' infurzar ġodda u diffiċli. L-użu tar-reklamar politiku online qed jiżdied ħafna, u ċerti forom lineari offline ta' reklamar politiku, bħar-radju u t-televiżjoni, huma offruti wkoll online bħala servizzi on-demand. Il-kampanji tar-reklamar politiku għandhom it-tendenza li jiġu organizzati biex jagħmlu użu minn firxa ta' media u forom.
- (3) Minħabba li normalment jiġi pprovdut bi ħlas, **li jista' jinkludi benefiċċju in natura**, ir-reklamar, inkluż ir-reklamar politiku, jikkostitwixxi attività ta' servizz skont l-Artikolu 57 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Fid-Dikjarazzjoni Nru 22, dwar il-persuni b'diżabilità, annessa mat-Trattat ta' Amsterdam, il-Konferenza tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri qablet li, fit-tfassil tal-miżuri skont l-Artikolu 114 TFUE, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jridu jqisu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità.

- (4) Il-ħtieġa li tiġi żgurata t-trasparenza hija għan pubbliku leġittimu, f'konformità mal-valuri kondiviżi mill-UE u mill-Istati Membri tagħha skont l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE"). Mhux dejjem ikun faċli li ċ-ċittadini jirrikonoxxu r-reklamar politiku u jeżerċitaw id-drittijiet demokratiċi tagħhom b'mod infurmat. ***Iż-żieda fis-sofistikazzjoni fid-diżinformazzjoni, id-diversifikazzjoni tal-atturi, l-evoluzzjoni rapida ta' teknoloġiji ġodda u t-tixrid intensifikat ta' interferenza manipulattiva huma sfidi importanti għall-Unjoni u l-Istati Membri. Ir-reklamar politiku jista' jkun vettur ta' diżinformazzjoni b'mod partikolari fejn ir-reklamar ma jiżvelax in-natura politika tiegħu, u lejn min ikun immirat jew jekk ikun amplifikat.*** Hemm bżonn ta' livell għoli ta' trasparenza, fost l-oħrajn, biex jiġi appoġġat dibattitu politiku miftuħ u ġust ***fl-iżgurar ta' kampanji politiċi demokratiċi***, u elezzjonijiet jew referenda ħielsa u ġusti biex jiġu miġġielda d-diżinformazzjoni u l-interferenza mhux skont il-liġi, inkluż minn barra l-pajjiż. [...]. It-trasparenza tar-reklamar politiku tikkontribwixxi biex tippermetti lill-votanti jifhmu aħjar meta jkun qed jiġu ppreżentati b'reklam politiku, f'isem min ikun qed isir ir-reklamar, u kif qed ikunu fil-mira ta' fornitur tas-servizzi ta' reklamar, sabiex il-votanti jkun f'pożizzjoni aħjar biex jagħmlu għażliet infurmati.
- (4a) ***Dan ir-regolament għandu l-għan li jiżgura l-forniment ta' reklamar politiku b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, inkluż, fost l-oħrajn, id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data.***

- (5) Fil-kuntest tar-reklamar politiku, *isir użu frekwenti ta'* tekniki ta' mmirar u amplifikazzjoni *bbażati fuq l-ipproċessar ta' data personali, inkluż data personali osservata u inferita, bħal data li tiżvela opinjonijiet politiċi u kategoriji speċjali oħra ta' data* [...]. Jenħtieġ li t-tekniki [...] tal-immirar jinftiehem bħala tekniki li jintużaw biex jiġi indirizzat [...] reklam politiku lil persuna speċifika biss jew lil grupp ta' persuni, *normalment b'kontenut[...]* *imfassal apposta, abbażi tal-ipproċessar ta' data personali, irrispettivament minn kif tkun inkisbet id-data personali. Tekniki ta' amplifikazzjoni, li jinkludu firxa wiesgħa ta' tekniki ta' ottimizzazzjoni u twassil tar-reklami, għandhom l-għan* [...] li jżidu ċ-ċirkolazzjoni, l-ilħuq jew il-viżibbiltà ta' reklam politiku *bbażat fuq l-ipproċessar ta' data personali, irrispettivament minn kif tkun inkisbet id-data personali*. Minħabba s-setgħa u l-potenzjal għall-użu ħażin tad-data personali *permezz tal-[...]* immirar, inkluż permezz tal-mikroimmirar u tekniki avvanzati oħra, tekniki bħal dawn jistgħu jippreżentaw theddid partikolari għall-interessi pubbliċi leġittimi, bħall-ġustizzja, l-opportunitajiet indaqs u t-trasparenza fil-proċess elettorali u d-dritt fundamentali li wieħed jiġi infurmat b'mod oġġettiv, trasparenti u pluralistiku.
- (6) Ir-reklamar politiku bħalissa huwa rregolat b'mod eteroġenu fl-Istati Membri, li f'ħafna każijiet għandu t-tendenza li jiffoka fuq forom tradizzjonali tal-media. Jeżistu restrizzjonijiet speċifiċi inkluż fuq il-forniment transfruntier[...] tas-servizzi ta' reklamar politiku. Xi Stati Membri jipprojbixxu lill-fornituri tas-servizzi tal-UE stabbiliti fi Stati Membri oħra milli jipprovdu servizzi ta' natura politika jew b'għan politiku matul il-perjodi elettorali. Fl-istess ħin, f'xi Stati Membri x'aktarx li jeżistu nuqqasijiet u lakuni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li jirriżultaw f'reklamar politiku li xi drabi jiġi disseminat mingħajr ma jitqiesu r-regoli nazzjonali rilevanti u b'hekk jirriskjaw li jimminaw l-oġġettiv tar-regolamentazzjoni tat-trasparenza għar-reklamar politiku.
- (7) Biex tiġi pprovduta trasparenza mtejbja tar-reklamar politiku, inkluż biex jiġi indirizzat it-ħassib taċ-ċittadini, xi Stati Membri diġà esploraw, jew qed jikkunsidraw, miżuri addizzjonali biex jindirizzaw it-trasparenza tar-reklamar politiku u biex jappoġġaw dibattitu politiku ġust u elezzjonijiet jew referenda ħielsa u ġusti. Dawn il-miżuri nazzjonali huma kkunsidrati b'mod partikolari għar-reklamar ippubblikat u disseminat online u jistgħu jinkludu projbizzjonijiet ulterjuri. Dawn il-miżuri jvarjaw minn miżuri mhux vinkolanti għal dawk vinkolanti u jimplikaw elementi differenti ta' trasparenza.

- (8) Din is-sitwazzjoni twassal għall-frammentazzjoni tas-suq intern, tnaqqas iċ-ċertezza legali għall-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku li jkunu qed iħejju, iqiegħdu, **jippromwovu**, jipubblikaw jew jiddessiminaw reklamar politiku, toħloq ostakli għall-moviment liberu ta' servizzi relatati, toħloq distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-suq intern, inkluż bejn il-fornituri tas-servizzi offline u dawk online, u teħtiegħ sforzi kumplessi ta' konformità u spejjeż addizzjonali għall-fornituri tas-servizzi rilevanti.
- (9) F'dan il-kuntest, il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku x'aktarx li jiġu skoraġġuti milli jipprovdu s-servizzi ta' reklamar politiku tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntieri. Dan huwa partikolarment minnu għall-mikrointrapriżi u l-SMEs, li spiss ma jkollhomx ir-riżorsi biex jassorbu jew jgħaddu l-ispejjeż għoljin ta' konformità marbuta mat-tnejjija, it-tqegħid, **il-promozzjoni**, il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni tar-reklamar politiku f'aktar minn Stat Membru wieħed. Dan jillimita d-disponibbiltà tas-servizzi u jħalli impatt negattiv fuq il-possibbiltà li l-fornituri tas-servizzi jinnovaw u joffru kampanji permezz ta' tipi differenti ta' media u kampanji multinazzjonali fi ħdan is-suq intern.
- (10) Għalhekk, meta jiġu pprovdu servizzi ta' reklamar politiku, jenħtiegħ li jiġi żgurat livell konsistenti u għoli ta' trasparenza tar-reklamar politiku madwar l-Unjoni, filwaqt li jenħtiegħ li jiġu evitati d-diverġenzi li jfixklu ċ-ċirkolazzjoni libera tas-servizzi relatati fis-suq intern, billi jiġu stabbiliti obbligi uniformi ta' trasparenza għall-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku li jggarantixxu l-protezzjoni uniformi tad-drittijiet tal-persuni u s-superviżjoni fis-suq intern kollu abbażi tal-Artikolu 114 TFUE.
- (11) L-Istati Membri jenħtiegħ li ma jżommux jew ma jintroduċux, fil-liġijiet nazzjonali tagħhom, dispożizzjonijiet **dwar it-trasparenza tar-reklamar politiku li jkunu** diverġenti minn dawk stipulati f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari dispożizzjonijiet iktar jew inqas strinġenti biex jiżguraw livell differenti ta' trasparenza fir-reklamar politiku. L-armonizzazzjoni sħiħa tar-rekwiżiti ta' trasparenza marbuta mar-reklamar politiku żżid iċ-ċertezza legali u tnaqqas il-frammentazzjoni tal-obbligi li l-fornituri ta' servizzi jkollhom jissodisfaw fil-kuntest tar-reklamar politiku.

- (12) L-armonizzazzjoni s'hiha tar-rekwiżiti ta' trasparenza jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għal-libertà tal-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku li jipprovdu aktar informazzjoni dwar ir-reklamar politiku fuq bażi volontarja, ***pereżempju r-rata ta' klikks ta' reklam politiku speċifiku online***, bħala parti mil-libertà tal-espressjoni u ***tal-informazzjoni*** protetta skont l-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
- (13) Dan ir-Regolament ***huwa limitat għall-armonizzazzjoni tar-regoli dwar it-trasparenza u l-immirar u l-amplifikazzjoni tar-reklamar politiku. La*** [...] jaffettwa [...] ***l-*** [...] kontenut tar-***reklami*** politiċi [...], u lanqas ir-regoli tal-***Unjoni jew tal-Istati Membri*** li jirregolaw ***aspetti relatati mar-reklamar politiku għajr dawk koperti minn dan ir-Regolament. Bħala tali, dan ir-Regolament ma jbidilx ir-regoli li jirregolaw it-twettiq u l-finanzjament ta' kampanji politiċi, inkluż projbizzjonijiet jew limitazzjonijiet ġenerali fuq ir-reklamar politiku matul perjodi speċifikati, l-hekk imsejħa perjodi ta' silenzju, donazzjonijiet minn donaturi individwali ta' kampanji jew projbizzjonijiet rigward l-użu ta' reklamar kummerċjali għal skopijiet ta' kampanja elettorali.***[...] [...]
- (13a) ***Il-ħtiġijiet speċifiċi tal-intrapriżi mikro, iżgħar u ta' daqs medju jenħtieġ li jitqiesu fl-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-kunċett ta' intrapriżi mikro, iżgħar u ta' daqs medju jenħtieġ li jinftiehem fis-sens tal-Artikolu 3 (1) sa (3) tad-Direttiva 2013/34/UE.***

- (14) Ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi rekwiżiti ta' trasparenza armonizzat li huwa applikabbli għall-atturi ekonomiċi li jipprovdu reklamar politiku u servizzi relatati (jiġifieri attivitajiet li normalment jiġu pprovduti bi hłas, **li jistgħu jinkludu benefiċċju in natura**; dawk is-servizzi jikkonsistu b'mod partikolari fit-tnejn, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tar-riklami **politiċi**[...]. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament li jipprevedu livell għoli ta' trasparenza tas-servizzi ta' reklamar politiku huma bbażati fuq l-Artikolu 114 TFUE. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jindirizza wkoll l-użu ta' tekniki ta' mmirar u amplifikazzjoni fil-kuntest ta' [...] reklamar politiku **li huwa bbażat fuq** [...] l-ipproċessar ta' data personali, **irrispettivament minn jekk dan jinvolvi servizz**. Ir-regoli ta' dan ir-Regolament li jindirizzaw l-użu tal-immirar u tal-amplifikazzjoni huma bbażati fuq l-Artikolu 16 TFUE. Ir-reklamar politiku mmirat lejn individwi fi Stat Membru jenħtieġ li jinkludi reklamar imħejji, imqiegħed, **promoss**, [...] ippublikat **jew disseminat** kompletament minn fornituri tas-servizzi stabbiliti barra mill-Unjoni iżda disseminat lil individwi fl-Unjoni. Sabiex jiġi ddeterminat jekk reklam politiku huwiex dirett lejn individwi fi Stat Membru, jenħtieġ li jitqiesu l-fatturi li jikkollegawh ma' dak l-Istat Membru, inklużi l-lingwa, il-kuntest, l-objettiv tar-reklamar u l-mezzi ta' tixrid tiegħu.
- (14a) Jenħtieġ li jitqiesu l-ispeċifitajiet tal-mezz tal-pubblikazzjoni jew tad-disseminazzjoni tar-reklamar politiku fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari biex il-modalitajiet jiġu adattati għat-televiżjoni, ir-radju u l-gazzetti skont il-każ f'konformità mad-dritt tal-UE.**
- (15) Ma hemm l-ebda definizzjoni eżistenti tar-reklamar politiku jew tar-reklam politiku fil-livell tal-Unjoni. Hija meħtieġa definizzjoni komuni biex jiġi stabbilit il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u r-regoli armonizzati ta' trasparenza dwar l-immirar u l-amplifikazzjoni. Din id-definizzjoni jenħtieġ li tkopri ħafna forom li jista' jieħu r-reklamar politiku u kwalunkwe mezz u mod ta' publikazzjoni jew tixrid fl-Unjoni, irrispettivament minn jekk is-sors ikunx jinsab fl-Unjoni jew fpajjiż terz.

- (16) Id-definizzjoni tar-reklamar politiku jenħtieġ li tinkludi reklamar *imħejji, imqiegħed, promoss*, ippubblikat jew disseminat direttament jew indirettament minn attur politiku jew *imħejji, imqiegħed, promoss*, ippubblikat jew disseminat direttament jew indirettament f'ismu. *Ir-reklamar politiku normalment ikun direttament jew indirettament taħt il-kontroll ta' sponsor, li jista' jkun attur politiku, u li b'mod partikolari jkun jista' jiddetermina n-natura politika, il-kontenut jew il-pubblikazzjoni tar-reklamar politiku li jkun qed jitħejja, jitqiegħed, jiġi promoss, ippubblikat jew disseminat. Xi kultant entità oħra tista' fl-aħħar mill-aħħar teżerçita kontroll effettiv fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet rilevanti tal-isponsor, billi ttiprovdi finanzjament jew permezz ta' forom oħra ta' kontroll, inkluż il-kontroll korporattiv. Għalhekk jenħtieġ li jiġi żgurat li l-istandards ta' trasparenza previsti minn dan ir-Regolament ikopru sitwazzjonijiet bħal dawn.* Peress li r-reklamar minn attur politiku, jew f'ismu, ma jistax jinfired mill-attività tiegħu fir-rwol tiegħu bħala attur politiku, jista' jiġi preżunt li jista' jinfluwenza d-dibattitu politiku, ħlief għal messaġġi ta' natura purament privata jew purament kummerçjali. *Sabiex jiġi ddeterminat li messaġġ huwa ta' natura purament privata jew purament kummerçjali, jenħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-fatturi rilevanti kollha bħall-kontenut tiegħu, il-lingwa użata sabiex jitwassal il-messaġġ, il-kuntest li fih jitwassal il-messaġġ, inkluż il-perjodu ta' disseminazzjoni, l-għan tal-messaġġ u l-mezzi li bihom il-messaġġ jiġi promoss, ippubblikat jew disseminat u l-udjenza fil-mira. Jenħtieġ li messaġġi għal jew f'isem attur politiku, promossi, ippubblikati jew disseminati lil għadd potenzjalment illimitat ta' partijiet terzi ma jitqisux bħala purament privati.*

- (17) Il-**promozzjoni**, il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni minn atturi oħra ta' messaggġ li jista' **u li jkun imfassal** biex jinfluwenza r-riżultat ta' elezzjoni jew ta' referendum, **jew imġiba ta' votazzjoni**, jew proċess leġiżlattiv jew regolatorju [...] [...] **fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali, lokali jew f'dak ta' partit politiku**, jenħtieġ li jikkostitwixxu wkoll reklamar politiku. **Jenħtieġ li tkun teżisti rabta ċara u sostanzjali bejn il-messaggġ u l-potenzjal tiegħu li jinfluwenza l-eżitu ta' elezzjoni jew referendum, proċess leġiżlattiv jew regolatorju, jew imġiba fil-votazzjoni**. Sabiex tiġi determinata **l-eżistenza ta' tali rabta**, [...] jenħtieġ li jitqiesu l-fatturi rilevanti kollha bħall-**isponsor tal-messaggġ, il-kontenut tal-messaggġ, il-lingwa użata biex jitwassal il-messaggġ, il-kuntest li fih jintbagħat il-messaggġ, inkluż il-perjodu ta' disseminazzjoni bħal ma hu perjodu elettorali**, l-objettiv tal-messaggġ, [...] il-mezzi li bihom il-messaggġ huwa **promoss**, ippublikat jew disseminat, **u l-udjenza fil-mira**. Il-messaggġi dwar kwistjonijiet soċjetali jew kontroversjali (**l-hekk imsejħa "reklami tematiċi"**) jistgħu [...] jagħtu lok **u jkun mfassla** biex jinfluwenzaw ir-riżultat ta' elezzjoni jew referendum, ta' proċess leġiżlattiv jew regolatorju jew ta' mġiba ta' votazzjoni.
- (18) **Fl-interess ta' komunikazzjoni effettiva mal-pubbliku ġenerali, il-komunikazzjoni pubblika minn, għal jew f'isem kwalunkwe awtorità pubblika ta' Stat Membru, inkluż membri tal-Gvern, pereżempju, stqarrijiet għall-istampa jew konferenzi li jħabbru inizjattivi leġiżlattivi jew regolatorji u li jispjegaw l-għażla tal-politika li fuqha huma bbażati inizjattivi bħal dawn jenħtieġ li ma tikkostitwixxix reklamar politiku, dment li ma jkunux imfassla biex jinfluwenzaw l-eżitu ta' elezzjoni jew referendum, imġiba ta' votazzjoni jew proċess leġiżlattiv jew regolatorju**. **Bl-istess mod**, informazzjoni Prattika minn sorsi uffiċjali **tal-Istati Membri jew tal-Unjoni** rigward **esklużivament** l-organizzazzjoni u l-modalitajiet għall-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet jew ir-referenda, **inkluż il-kandidaturi jew is-suġġett tal-mistoqsija mressqa għar-referendum**, jenħtieġ **ukoll** li ma tikkostitwixxix reklamar politiku.

- (18a) *Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma japplikax fejn spazju pubbliku speċifiku għall-preżentazzjoni tal-kandidati jkun espliċitament ipprovdut mil-liġi u allokat mingħajr ħlas, pereżempju billi jiġi allokat spazju għal tali preżentazzjoni fil-muniċipalitajiet u żoni pubbliċi oħra jew ħin partikolari tax-xandir fuq it-televiżjoni, fejn dan isir b'mod ġust u mhux diskriminatorju, abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi.*
- (19) *Opinjoni politiki [...] espressi fi kwalunkwe media taħt responsabbiltà editorjali inkluż iżda mhux limitat għall-programmi ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fit-tifsira tal-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva 2010/13/UE, f'xandir bir-radju lineari u mhux lineari [...], [...] ippubblikati fil-media stampata jew online, sakemm ma tkunx prevista remunerazzjoni speċifika jew b'rabta mal-espressjoni ta' dik l-opinjoni politika [...] jenħtieġ li ma jkunux koperti minn dan ir-Regolament.*
- (20) *Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, elezzjoni jenħtieġ li tinftiehem bħala l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew kif ukoll l-elezzjonijiet jew ir-referenda kollha organizzati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Istati Membri u l-elezzjonijiet biex tiġi stabbilita tmexxija tal-partiti politiki. Dan jenħtieġ li ma jinkludix forom oħra ta' elezzjonijiet bħal poloz tal-vot organizzati b'mod professjonali jew privatament.*
- (21) *Huwa meħtieġ li r-reklamar politiku jiġi ddefinit bħala każ ta' reklamar politiku. Ir-reklamar jinkludi l-mezzi li bihom jiġi kkomunikat il-messaġġ tar-reklam, inkluż b'mod stampat, permezz tal-media tax-xandir jew permezz ta' servizz ta' pjattaformi online.*
- (22) *L-atturi politiki skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jirreferu għal kunċetti ddefiniti skont id-dritt tal-Unjoni, kif ukoll skont il-liġi nazzjonali f'konformità mal-istrumenti legali internazzjonali bħal dawk tal-Kunsill tal-Ewropa. Il-kunċett ta' **atturi** politiki[...] jenħtieġ li jinkludi [...] l-entitajiet affiljati u sussidjarji **ta' partit politiku** stabbiliti, b'personalità ġuridika jew mingħajrha, sabiex jappoġġawh[...]jew isegwu l-oġġettivi[...] **tiegħu**, pereżempju billi jinvolvu ruħhom ma' grupp speċifiku ta' votanti jew għal skop elettorali speċifiku.*

- (23) Il-kunċett ta' atturi politiċi jenħtieġ li jinkludi wkoll *kandidati jew detenturi ta' kariga eletta*, [...], [...] u [...] membri *tal-Gvernijiet tal-Istati Membri* [...] fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali *jew ta' istituzzjonijiet tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-Bank Ċentrali Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri*. [...].
- (24) Kampanja tar-reklamar jenħtieġ li tirreferi għat-tħejjija, *għat-tqegħid, għall-promozzjoni, għall-pubblikazzjoni u għad-disseminazzjoni ta' sensiela ta' reklami relatati matul kuntratt għar-reklamar politiku, abbażi ta' tħejjija, sponsorizzazzjoni u finanzjament komuni*. [...].
- (25) Id-definizzjoni tar-reklamar politiku jenħtieġ li ma taffettwax id-definizzjonijiet nazzjonali ta' partit politiku, għanijiet politiċi jew kampanji *u lanqas ma għandha tbiddel jew tinterferixxi mar-regoli tal-kampanja* [...], fil-livell nazzjonali.
- (25a) *Id-definizzjoni ta' attur politiku ma tinterferixxix mar-regoli nazzjonali dwar min jista' jwettaq kampanja politika u jenħtieġ li ma tobbligax lill-Istati Membri jiddefinixxu tali regoli.*
- (26) Sabiex tiġi koperta l-firxa wiesgħa ta' fornituri tas-servizzi rilevanti marbuta ma' servizzi ta' reklamar politiku, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jiġu mifhuma bħala li jinkludu fornituri involuti fit-tħejjija, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni *jew*[...] id-disseminazzjoni tar-reklam politiku[...]. *Jenħtieġ li fornituri li jipprovdu servizzi purament anċillari b'rabta ma' servizzi ta' reklamar politiku ma jiġux mifhuma bħala fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament. Is-servizzi anċillari huma servizzi li tipikament jiddependu fuq u jikkomplementaw servizz ta' reklamar politiku iżda ma għandhom l-ebda influwenza diretta fuq il-kontenut jew il-preżentazzjoni tar-reklamar politiku, u lanqas ma għandhom kontroll dirett fuq it-tħejjija, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni tiegħu. Tali servizzi jinkludu, pereżempju, servizzi postali, servizzi ta' stampar, disinn grafiku, awdjo jew fotografiku, servizzi ta' "sempliċi conduit", "caching" u "cloud computing", skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022/xxx [id-DSA].*

- (26a) *Il-pubblikaturi ta' reklamar politiku jenħtieġ li jinftiehm bħala fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku, normalment fi tmiem il-katina ta' fornituri ta' servizzi, li jipubblikaw u jiddisseminaw reklamar politiku permezz tax-xandir, li jagħmlu disponibbli permezz ta' interfaċċa jew inkella jressquh fid-dominju pubbliku.*
- (26b) *Sponsor jenħtieġ li jiġi mifhum bħala l-persuna jew entità li f'isimha jitħejja, jitqiegħed, jiġi promoss, ippubblikat jew disseminat ir-reklam politiku, pereżempju kandidat individwali f'elezzjoni, parti terza reġistrata jew partit politiku, u li normalment tkun il-persuna jew l-entità li tipprovi remunerazzjoni bi skambju għal servizzi ta' reklamar politiku.*
- (27) Il-kunċett ta' servizzi ta' reklamar politiku jenħtieġ li ma jinkludix messaġġi li huma kondiviżi minn individwi fil-kapaċità purament personali tagħhom. **Madankollu**, jenħtieġ li individwi ma jitqisux li qed jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom jekk ikunu qed jipubblikaw messaġġi li d-disseminazzjoni jew il-pubblikazzjoni tagħhom ikunu qed jitħallsu minn **parti terza**[...].
- (28) Ladarba ***l-isponsor jiddikjara reklamar*** [...] bħala [...] [...]politiku [...], dan jenħtieġ li jiġi indikat b'mod ċar lil fornituri oħra tas-servizzi involuti fis-servizzi ta' reklamar politiku. ***L-isponsor jenħtieġ li jagħmel din id-dikjarazzjoni b'mod onest.*** Barra minn hekk, ladarba [...] ***reklamar*** [...] ikun ġie identifikat bħala [...] politiku, id-disseminazzjoni ulterjuri tiegħu xorta tenħtieġ li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' trasparenza. Pereżempju, meta ***r-reklam politiku, kif iddefinit f'dan ir-Regolament,*** [...] ikun kondiviż b'mod organiku, ir-reklamar xorta jenħtieġ li jiġi ttikkettat bħala reklamar politiku. ***Fil-qafas ta' kuntratt, in-nuqqas ta' azzjoni in bona fede jenħtieġ li jinvolvi responsabbiltà kuntrattwali.***

- (28a) Fid-dawl tal-importanza li b'mod partikolari tiġi ggarantita l-effettività tar-rekwiżiti ta' trasparenza, jenħtieġ li l-isponsors u l-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku li jaġixxu f'isem l-isponsors jitrażmettu in bona fede l-informazzjoni rilevanti b'mod komplet u preċiż, u mingħajr dewmien żejjed, biex il-fornituri l-oħra ta' servizzi ta' reklamar politiku fil-katina jkunu jistgħu jikkonformaw ma' dan ir-Regolament. Meta l-pubblikatur tar-reklamar politiku jkun l-uniku fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku, l-isponsor jenħtieġ li jikkomunika tali informazzjoni lill-pubblikatur tar-reklamar politiku. F'każ ta' dikjarazzjoni jew ta' informazzjoni li tkun manifestament żbaljata, il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar jenħtieġ li jitolbu lill-isponsors u lill-fornituri ta' servizzi ta' reklamar li jaġixxu f'isem l-isponsors biex jikkoreġu d-dikjarazzjoni tagħhom.*
- (28b) Dikjarazzjoni jew informazzjoni jenħtieġ li titqies bħala manifestament żbaljata jekk dan ikun evidenti mill-kontenut tar-reklam, mill-identità tal-isponsor, jew mill-kuntest li fih jiġi pprovdut is-servizz rilevanti, mingħajr verifiki ulterjuri jew eżerċizzji ta' tiftix tal-fatti.*
- (29) Ir-regoli dwar it-trasparenza stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw biss għas-servizzi ta' reklamar politiku, jiġifieri reklamar politiku li normalment jiġi pprovdut bi ħlas, li jista' jinkludi benefiċċju in natura. Ir-rekwiżiti ta' trasparenza jenħtieġ li ma japplikawx għall-kontenut imtella' minn utent ta' servizz intermedjarju online, bħal pjattaforma online, u disseminata mis-servizz intermedjarju online mingħajr kunsiderazzjoni għat-tqegħid, il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni għall-messaġġ speċifiku, sakemm l-utent ma jkunx tħallas minn parti terza għar-reklamar politiku.
- (30) Ir-rekwiżiti ta' trasparenza jenħtieġ ukoll li ma japplikawx għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni permezz ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika bħal servizzi ta' messaġġi elettroniċi jew telefonati, sakemm ma jkun involut l-ebda servizz tar-reklamar politiku.

- (31) Il-libertà tal-espressjoni ***u tal-informazzjoni***, kif protetta mill-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, tkopri d-dritt tal-individwu li jkollu opinjonijiet politiċi, jirċievi u jagħti informazzjoni politika u jaqsam ideat politiċi. Kull limitazzjoni għal ***din il-libertà*** [...]trid tikkonforma mal-Artikolu 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. ***Din*** [...] [...] il-libertà tista' tkun soġġetta għal modulazzjonijiet u restrizzjonijiet fejn dawn ikunu ġġustifikati mill-kisba ta' interess pubbliku leġittimu u jikkonformaw mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE, bħall-proporzjonalità u ċ-ċertezza legali. Dan huwa l-każ, inter alia, fejn l-ideat politiċi jiġu kkomunikati permezz ta' fornituri ta' servizzi ta' reklamar.
- (31a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jkollux l-effett li jirrikjedi lill-Istati Membri jiehdur miżuri bi ksur tal-prinċipji fundamentali tagħhom relatati mal-libertà tal-espressjoni, b'mod partikolari l-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'media oħrajn kif jirriżultaw mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali jew regoli li jirregolaw id-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta', u l-garanzji proċedurali għal, l-istampa jew media oħrajn fejn dawn ir-regoli jirrelataw mad-determinazzjoni jew il-limitazzjoni tar-responsabbiltà.***
- (32) Fir-rigward tal-intermedjarji online, ir-Regolament (UE) 2022[...]/XX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] japplika għal reklami politiċi ppubblikati jew disseminati mill-intermedjarji online permezz ta' regoli orizzontali applikabbli għat-tipi kollha tar-reklamar online, inklużi r-reklamar kummerċjali u politiku. Abbażi tad-definizzjoni tar-reklamar politiku stabbilita f'dan ir-Regolament, huwa xieraq li tiġi pprovduta granularità addizzjonali tar-rekwiżiti ta' trasparenza stabbiliti għall-pubblikaturi tar-reklamar li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2022[...]/XX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], b'mod partikolari pjattaformi ***online*** kbar ħafna. Dan jikkonċerna b'mod partikolari informazzjoni relatata mal-finanzjament ta' reklamar politiku. Ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ma jaffettwawx id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, inkluż fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskju u l-obbligi ta' mitigazzjoni għal pjattaformi online kbar ħafna fir-rigward tas-sistemi tar-reklamar tagħhom.

- (33) It-tnejjija, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tar-**reklami**[...] politiki jistgħu jinvolvu katina kumplessa ta' fornituri tas-servizzi. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, fejn l-għażla tal-kontenut tar-reklamar, l-għażla tal-kriterji mmirati **u ta' amplifikazzjoni**, il-provvista tad-data użata għall-immirar **u l-amplifikazzjoni** ta' reklam, id-dispożizzjonijiet tat-tekniki tal-mmirar **u tal-amplifikazzjoni**, il-konsenja ta' reklam u d-disseminazzjoni tiegħu jistgħu jiġu kkontrollati minn fornituri ta' servizzi differenti. Pereżempju, is-servizzi awtomatizzati jistgħu jappoġġaw it-tqabbil tal-profil tal-utent ta' interfaċċa mal-kontenut tar-reklamar iprovdut, bl-użu tad-data personali miġbura direttament mingħand l-utent tas-servizz u mill-imġiba online tal-utenti, kif ukoll id-data inferita.
- (34) Fid-dawl tal-importanza li tiġi ggarantita, b'mod partikolari, l-effettività tar-rekwiżiti ta' trasparenza inkluż li tiġi ffaċilitata s-sorveljanza tagħhom, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jiżguraw li l-informazzjoni rilevanti li jiġbru fil-provvista tas-servizzi tagħhom, inkluża l-indikazzjoni li reklam ikun politiku, **tkun kompluta u preċiża u** tkun provduta lill-pubblikatur tar-reklamar politiku li jwassal ir-reklam politiku lill-pubbliku. Sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' dan ir-rekwiżit, u l-provvista f'waqtha u preċiża ta' din l-informazzjoni, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku **jitrażmettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin mal-provvista tas-servizz rilevanti u** jikkunsidraw u jappoġġaw l-awtomatizzazzjoni tat-trażmissjoni tal-informazzjoni fost il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku. **Meta fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku jsir konxju mill-fatt li l-informazzjoni li jkun trażmetta tkun ġiet aġġornata, dan jenħtieġ li jiżgura li din l-informazzjoni aġġornata tiġi kkomunikata lill-pubblikatur rilevanti tar-reklamar politiku.**
- (34a) **Il-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku jenħtieġ li jkunu kkunsidrati bħala konxji li l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi aġġornata meta l-isponsor jew il-fornitur ta' servizz li jaġixxi f'ismu jinforma lill-fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku dwar bidla rilevanti. Il-pubblikatur tar-reklamar politiku jista' jsir konxju wkoll ta' din il-ħtieġa ta' aġġornament permezz tal-mekkaniżmu ta' notifika previst f'dan ir-Regolament.**

- (34b) *Jekk fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku[...]jsiru konxju ta' żball, ineżattezza jew inkompletezza ċari fl-informazzjoni kkomunikata, il-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku jenħtieġ li jagħmlu sforzi raġonevoli biex jiżguraw li tali żball, ineżattezza jew inkompletezza ċari jiġu korretti, b'mod partikolari permezz tal-konferma tal-informazzjoni pprovduta mill-fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku, jew fejn rilevanti, l-isponsor innifsu. Jenħtieġ li dan ma jirriżultax f'obbligu ġenerali għall-fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku -jimmonitorja l-verità tad-dikjarazzjonijiet dwar in-natura politika tar-reklami jew li jinvolvi ruħu f'eżerċizzji ta' tiftix tal-fatti eċċessivi jew għaljin. Sforzi raġonevoli jistgħu jiġu riflessi wkoll fl-arranġamenti kuntrattwali fost il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku u mal-isponsor, fejn rilevanti. L-arranġamenti kuntrattwali fost il-fornituri tas-servizzi u l-isponsors jenħtieġ li jippermettu t-trażmissjoni ta' informazzjoni bejn il-pubblikatur u l-isponsor, pereżempju f'każ ta' informazzjoni nieqsa jew il-waqfien tar-reklamar politiku.*
- (34c) *Jenħtieġ li jsiru sforzi raġonevoli li jinkludu miżuri diliġenti u oġġettivi bħall-kuntatt tal-isponsor jew il-fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku kkonċernati, biex jikkompletaw jew jikkoreġu l-informazzjoni. Jenħtieġ li jitqiesu n-natura u l-importanza tal-informazzjoni żbaljata jew nieqsa fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament.*
- (35) Meta kostruzzjoni artifiċjali kummerċjali jew kuntrattwali tirriskja li tevita l-effettività tal-obbligi ta' trasparenza stabbiliti f'*dan*[...]ir-Regolament, dawn l-obbligi jenħtieġ li japplikaw għall-entità jew għall-entitajiet li, fis-sustanza, jipprovdu s-servizz tar-reklamar.
- (36) [...]

- (37) Filwaqt li jipprevedu rekwiżiti speċifiċi, jenħtieġ li l-ebda wieħed mill-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jinftiehem bħala li jimponi obbligu ta' monitoraġġ ġenerali fuq il-fornituri intermedjarji ta' servizzi għall-kontenut politiku kondiviż minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi, lanqas jenħtieġ li jiġu mifhuma bħala li jimponu obbligu ġenerali fuq il-fornituri tas-servizzi intermedjarji biex jieħdu miżuri proattivi fir-rigward ta' kontenut jew attivitajiet illegali li dawk il-fornituri jittrażmettu jew jaħżnu.
- (38) It-trasparenza tar-reklamar politiku jenħtieġ li tippermetti liċ-ċittadini jifhmu li jinsabu quddiem reklam politiku. Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku jenħtieġ li, ***flimkien ma'*** [...]kull reklam politiku, jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni ċara li tgħid li dak huwa reklam politiku u tal-identità tal-sponsor tiegħu. Fejn xieraq, l-isem tal-sponsor jista' jinkludi logo politiku. ***Kull reklam politiku, fejn applikabbli, jenħtieġ li jkun disponibbli flimkien ma' dikjarazzjoni li tgħid li r-reklam politiku ġie mmirat jew amplifikat.*** Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku jenħtieġ li jagħmlu użu minn tikkettar li jkun effettiv, filwaqt li jqisu l-iżviluppi fir-riċerka xjentifika rilevanti u l-aħjar Prattika dwar il-provvista tat-trasparenza permezz tat-tikkettar tar-reklamar. ***Il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni u l-isem tal-isponsor jistgħu jvarjaw skont il-mezzi użati. Għas-servizzi tax-xandir bir-radju, jista' jsir użu pereżempju ta' dikjarazzjoni upstream jew downstream. Il-pubblikaturi ta' reklamar politiku*** [...] jenħtieġ li jiżguraw ukoll, ***flimkien ma'*** [...] kull reklam politiku, il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni biex jippermettu li jinftiehem l-kuntest usa' tar-reklamar politiku u l-għanijiet tiegħu, li tista' jew tiġi inkluża fir-reklam innifsu, jew tiġi pprovduta mill-pubblikatur fuq is-sit web tiegħu, aċċessibbli permezz ta' link, ***kodiċi ta' Rispons Rapidu (jew "kodiċi QR")***, jew direzzjoni ekwivalenti ċara u faċli għall-utent fir-reklam.

(39) Din l-informazzjoni jenħtieġ li tiġi pprovdata f'avviż ta' trasparenza li jenħtieġ li jinkludi wkoll l-identità tal-isponsor u, **fejn applikabbli, tal-entità li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla l-isponsor**, sabiex tiġi appoġġata l-akkontabbiltà fil-proċess politiku. Il-post tal-istabbiliment tal-isponsor u jekk l-isponsor huwiex persuna fiżika jew ġuridika jenħtieġ li jiġu indikati b'mod ċar. Id-data personali dwar individwi involuti fir-reklamar politiku, li ma jkunux relatati mal-isponsor jew ma' attur politiku involut ieħor jenħtieġ li ma tiġix provduta fl-avviż ta' trasparenza. L-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li jkun fih ukoll informazzjoni dwar il-perjodu ta' tixrid, kwalunkwe elezzjoni relatata, l-ammont minfuq u l-valur ta' benefiċċji oħra riċevuti fi skambju parzjali jew sħiħ għar-reklam speċifiku, kif ukoll, għall-kampanja kollha tar-reklamar, is-sors tal-fondi użati u informazzjoni oħra biex tiġi żgurata l-ġustizzja tad-disseminazzjoni tar-reklam politiku. Informazzjoni dwar is-sors tal-fondi użati tikkonċerna pereżempju l-orijini pubblika jew privata tagħhom, **u** l-fatt li dawn joriġinaw minn ġewwa jew minn barra l-Unjoni Ewropea. L-informazzjoni dwar l-elezzjonijiet jew ir-referenda relatati jenħtieġ li, meta jkun possibbli, tinkludi link għal informazzjoni minn sorsi uffiċjali rigward l-organizzazzjoni u l-modalitajiet għall-parteċipazzjoni jew għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni f'dawk l-elezzjonijiet jew referenda. **L-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li jkun disponibbli immedjatament meta r-reklamar jiġi ppubblikat jew disseminat, u l-informazzjoni li jippreżenta jenħtieġ li tinżamm aġġornata, kif rilevanti.** L-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li jinkludi wkoll informazzjoni dwar kif għandhom jiġu mmarkati r-reklami politiċi f'konformità mal-proċedura stabbilita f'dan ir-Regolament. Dan ir-rekwiżit jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar in-notifika skont l-Artikoli 14, 15 u 19 tar-Regolament (UE) 2022[...]XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. **Jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jagħmlu sforzi raġonevoli biex jiżguraw li l-informazzjoni tkun kompluta u preċiża.**

- (40) L-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li tiġi pprovduta fir-reklam innifsu jew tkun tista' tiġi rkuprata faċilment abbażi ta' indikazzjoni pprovduta fir-reklam. ***Il-preżentazzjoni tal-informazzjoni tista' tvarja skont il-mezzi użati. Sabiex l-informazzjoni fl-avviż ta' trasparenza f'reklam offline tiġi rkuprata faċilment, jistgħu pereżempju jintużaw link dedikata għal paġna web, kodiċi ta' Rispons Rapidu (jew "kodiċi QR") jew miżuri tekniċi ekwivalenti li jkunu faċli għall-utent.*** Ir-rekwiżit li l-informazzjoni dwar l-avviż ta' trasparenza għandha tkun, inter alia, viżibbli b'mod ċar jenħtieġ li jinvolvi li din l-informazzjoni tkun tidher b'mod prominenti fir-reklamar jew miegħu. Ir-rekwiżit li l-informazzjoni ppubblikata fl-avviż ta' trasparenza trid tkun faċilment aċċessibbli, li tista' tinqara mill-magni fejn ikun teknikament possibbli, u faċli għall-utent jenħtieġ li jkun jindirizza l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità. L-Anness I tad-Direttiva 2019/882 (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità) fih rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-informazzjoni, inkluża l-informazzjoni diġitali li jenħtieġ li tintuża biex l-informazzjoni politika ssir aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità.
- (41) L-avviżi ta' trasparenza jenħtieġ li jitfasslu biex iqajmu kuxjenza fost l-utenti u jgħinu fl-identifikazzjoni ċara tar-reklamar politiku bħala tali. Dawn jenħtieġ li jitfasslu biex jibqgħu fis-seħħ, ***fejn teknikament possibbli***, jew jibqgħu aċċessibbli f'każ li reklam politiku jiġi disseminat aktar, pereżempju jitqiegħed fuq pjattaforma oħra jew jintbagħat bejn individwu u ieħor. L-informazzjoni inkluża fl-avviż ta' trasparenza jenħtieġ li tiġi ppubblikata meta tibda l-pubblikazzjoni tar-reklamar politiku ***u sa tmiem il-pubblikazzjoni tagħha***. [...]. ***Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku jenħtieġ li jżommu l-avviżi ta' trasparenza tagħhom u jagħmluhom disponibbli fuq talba flimkien ma' kwalunkwe modifika għal perjodu ta' ħames snin wara l-aħħar publikazzjoni.*** L-informazzjoni miżmuma jenħtieġ li tinkludi wkoll informazzjoni dwar ir-reklamar politiku li jkun ġie tterminat jew li titneħħa mill-pubblikaturi. ***Il-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku li mhumiex pjattaformi online kbar ħafna fis-sens tar-Regolament (UE) 2022/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu l-format biex iżommu din l-informazzjoni.***

- (42) Peress li l-pubblikaturi tar-reklamar politiku jagħmlu r-reklami politiċi disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jipubblikaw jew jiddessiminaw dik l-informazzjoni lill-pubbliku flimkien mal-pubblikazzjoni jew mad-disseminazzjoni tar-reklam politiku. *Fejn il-pubblikatur tar-reklamar politiku jsir konxju bi kwalunkwe mezz li reklam politiku ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti ta' trasparenza skont dan ir-Regolament, pereżempju wara notifika individwali, jenħtieġ li dan jagħmel sforzi raġonevoli biex jissodisfa r-rekwiżiti skont dan ir-Regolament. Meta l-informazzjoni ma tistax tiġi komplet[...].Jata jew korreġuta mingħajr dewmien żejjed, jenħtieġ li l-pubblikaturi ta' reklamar politiku ma jagħmlux disponibbli jew jenħtieġ li ma jkomplux il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni lill-pubbliku tar-reklamar politiku li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' trasparenza skont dan ir-Regolament. F'din is-sitwazzjoni, jenħtieġ li l-pubblikaturi tar-reklamar politiku jinfurmaw lill-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku kkonċernati, u fejn rilevanti lill-isponsor, bil-passi raġonevoli meħuda biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-pubblikatur jinforma lill-isponsor jew lill-fornitur tas-servizzi li jaġixxi f'isem l-isponsor jekk ir-reklam politiku li jisponsorja ma jkunx disponibbli jew jitwaqqaf.*
- (42a) *Meta l-isponsor jew il-fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku jsir konxju li l-informazzjoni trażmessa jew ippubblikata mill-pubblikatur tar-reklamar politiku mhijiex kompluta jew preċiża, jenħtieġ li jikkuntattja, mingħajr dewmien żejjed, lill-pubblikatur tar-reklamar politiku kkonċernat u, kif rilevanti, jenħtieġ li jittrażmetti informazzjoni kompluta jew ikkoreġuta lill-pubblikatur tar-reklamar politiku.*
- (42b) *Arranġamenti kuntrattwali jistgħu jinkludu klawżola li tippermetti li jintalab ħlas raġonevoli għall-miżuri meħuda biex jikkoreġu jew jikkompletaw l-informazzjoni.*
- (42c) *Meta jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, il-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku jenħtieġ li jaġixxu b'mod imparzjali u b'kunsiderazzjoni xierqa għad-drittijiet fundamentali, u drittijiet oħra u interessi leġittimi. Il-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku jenħtieġ li jqisu, b'mod partikolari u kif xieraq, il-libertà tal-espressjoni u l-aċċess għall-informazzjoni, inkluż il-libertà tal-media u l-pluraliżmu.*

- (42d) Barra minn hekk, jenħtieġ li l-pubblikaturi tar-reklamar politiku li huma pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022[...]/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] **jiżguraw li għal kull reklam politiku**, [...] l-informazzjoni li tinsab fl-avviż ta' trasparenza **ssir** disponibbli **immedjatament fir-[/...]**repożitorji tar-reklami ppubblikati skont l-Artikolu 39 [...]tar-Regolament [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. **Tali informazzjoni jenħtieġ li tinżamm aġġornata u pprovduta skont standard tal-industrija miftiehem għall-aċċessibbiltà, l-istruttura tad-data u l-aċċess permezz ta' interfaċċa komuni għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku. Huwa xieraq li tiġi pprovduta granularità addizzjonali tar-rekwiżiti ta' trasparenza stipulati għar-repożitorji msemmija fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2021/XX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali. Dan jikkonċerna prinċipalment informazzjoni dwar reklam politiku mneħħi u r-raġuni għall-irtirar tiegħu, b'mod partikolari informazzjoni dwar każijiet fejn ir-reklami politiċi ġew ittikkettati b'mod żbaljat jew immirati illegalment. Barra minn hekk, pjattaformi online kbar ħafna jistgħu jipubblikaw informazzjoni oħra rigward l-influwenza tar-reklam, inkluża informazzjoni dwar ir-rata ta' klikks. Fornitur ieħor tas-servizz ta' reklamar politiku jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ jistabbilixxi repożitorji simili ta' reklami politiċi.** Dan ser jiffaċilita l-ħidma tal-atturi interessati, inklużi r-riċerkaturi, fir-rwol speċifiku tagħhom li jappoġġaw elezzjonijiet jew referenda ħielsa u ġusti u kampanji elettorali ġusti, inkluż billi jiskrutinizzaw l-isponsors tar-reklam politiku u janalizzaw ix-xenarju politiku tar-reklamar.
- (43) Meta l-fornitur tas-servizz tar-reklamar politiku li jospita jew jaħżen b'xi mod ieħor u jipprovduti l-kontenut ta' reklam politiku jkun separat mill-fornitur tas-servizz tar-reklamar politiku li jikkontrolla s-sit web jew interfaċċa oħra li eventwalment **tippreżenta[/...]**ir-reklamar politiku, dawn jenħtieġ li jitqiesu flimkien bħala publikaturi tar-reklamar, bir-responsabbiltà rispettiva fir-rigward tas-servizz speċifiku li jipprovduti, biex jiġi żgurat li t-tikkettar jiġi pprovdut u li l-avviż ta' trasparenza u l-informazzjoni rilevanti jkunu disponibbli. L-arranġamenti kuntrattwali tagħhom jenħtieġ li **jippermettu[/...]** konformità ma' dan ir-Regolament.

- (44) L-informazzjoni dwar l-ammonti minfuqa u l-valur ta' benefiċċji oħra riċevuti fi skambju parzjali jew sħiħ għal servizzi ta' reklamar politiku tista' tikkontribwixxi b'mod utli għad-dibattitu politiku. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li tkun tista' tinkiseb ħarsa ġenerali xierqa lejn l-attività tar-reklamar politiku mir-rapporti annwali mħejjija mill-**fornituri** rilevanti **ta' servizzi** tar-reklamar politiku[...]. Sabiex jappoġġa s-sorveljanza u l-akkontabbiltà, tali rapportar jenħtieġ li jinkludi informazzjoni dwar l-infiq fuq l-immirar **jew l-amplifikazzjoni** tar-reklamar politiku fil-perjodu rilevanti, aggregat għall-kampanja jew għall-kandidat. Sabiex jiġu evitati piżijiet sproporzjonati, dawn l-obbligi ta' rapportar tat-trasparenza jenħtieġ li ma japplikawx għal intrapriżi li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 3, **il-paragrafi 1 sa** [...]3[...] tad-Direttiva 2013/34/UE.
- (45) Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li jipprovdu servizzi ta' reklamar politiku jenħtieġ li jistabbilixxu mekkaniżmi li jippermettu lill-**persuni fiżiċi jew ġuridiċi** [...] jirrapportawhom li reklam politiku partikolari li jkunu ppubblikaw ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament. Il-mekkaniżmi għar-rapportar ta' reklamar bħal dan jenħtieġ li jkunu faċli biex jiġu aċċessati u biex jintużaw, u jenħtieġ li jiġu adattati għall-forma tar-reklamar distribwit mill-pubblikatur tar-reklamar. Kemm jista' jkun, dawn il-mekkaniżmi jenħtieġ li jkunu aċċessibbli mir-reklam innifsu, pereżempju fuq is-sit web tal-pubblikatur tar-reklamar. **Fejn meħtieġ, il-pubblikaturi tar-reklamar politiku jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri tekniċi biex jiżguraw standards minimi ta' sigurtà tat-teknoloġija tal-informazzjoni inkluż miżuri ta' protezzjoni minn notifiki awtomatizzati.** Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddependu fuq mekkaniżmi eżistenti, fejn xieraq. **Pereżempju, m**[...]eta l-pubblikaturi tar-reklamar politiku jkunu fornituri tas-servizzi ta' hosting online skont it-tifsira tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali, fir-rigward tar-reklamar politiku ospitat fuq talba tar-riċevituri tas-servizzi tagħhom, **il-pubblikaturi tar-reklamar politiku jistgħu jiddependu fuq il-mekkaniżmu ta' avviż infassal minnhom skont l-Artikolu 14 tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali għan-notifiki li jikkonċernaw in-nuqqas ta' konformità ta' reklami ma' dan ir-Regolament.** [...]

- (45a) *Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku jistgħu jistabbilixxu formoli speċifiċi għall-mekkaniżmi ta' notifika skont dan ir-Regolament, li jirrikjedu l-mili ta' kampijiet tad-data bħal informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-allegat reklam mhux konformi, spjegazzjoni tar-raġunijiet li jiġġustifikaw in-notifika, l-isem u l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuna fiżika jew ġuridika li tissottometti n-notifika, u dikjarazzjoni li tikkonferma t-twemmin bona fide li l-informazzjoni li tinsab fiha hija preċiża.*
- (45b) *Il-pubblikaturi ta' reklamar politiku jenħtieġ li jagħmlu sforzi raġonevoli biex jindirizzaw b'mod diliġenti u oġġettiv u mingħajr dewmien żejjed in-notifiki rċevuti skont dan ir-Regolament. Meta notifika jkun fiha biżżejjed informazzjoni li tippermetti lil publikatur tar-reklamar politiku diliġenti jidentifika, mingħajr eżami dettaljat li informazzjoni hija nieqsa jew mhux preċiża, il-pubblikatur tar-reklamar politiku jenħtieġ li jitqies bħala konxju tal-ineżattezza jew tal-inkompletezza u jenħtieġ li jaġixxi mingħajr dewmien żejjed billi jikkuntattja lill-fornituri tas-servizzi rilevanti u, kif rilevanti, lill-isponsor. Mill-inqas fuq talba, jenħtieġ li l-pubblikatur tar-reklamar politiku jinforma lill-persuni li jkunu għamli n-notifika bis-segwitu mogħti lin-notifika.*
- (45c) *Sabiex tiġi żgurata l-effettività tar-rekwiżiti ta' trasparenza matul elezzjoni jew referendum, jenħtieġ li fi ħdan l-aħħar xahar ta' qabel l-elezzjoni jew ir-referendum, il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li huma pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] jindirizzaw kull notifika li jirċievu dwar ir-reklam marbut [...] ma' din l-elezzjoni jew referendum fi żmien 48 siegħa, billi jikkuntattjaw lill-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku kkonċernati u, kif rilevanti, lill-isponsor.*
- (45d) *Kwalunkwe azzjoni meħuda minn publikatur tar-reklamar politiku jenħtieġ li tkun strettament immirata, fis-sens li jenħtieġ li l-ewwel u qabel kollox isservi biex tikkoreġi, tikkompleta l-informazzjoni meħtieġa u biss bħala l-aħħar alternattiva, tneħħi l-elementi speċifiċi ta' informazzjoni li ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament, b'kunsiderazzjoni xierqa għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, u drittijiet fundamentali oħra.*

(46) Sabiex l-entitajiet speċifiċi jkunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom fid-demokrazija, huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni ppubblikata mar-reklam politiku jew li tinsab fl-avviż ta' trasparenza lil atturi interessati bħar-riċerkaturi skrutinizzati, il-ġurnalisti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-osservaturi elettorali *rikonoxxuti*[...], sabiex jappoġġaw il-prestazzjoni tar-rwoli rispettivi tagħhom fil-proċess demokratiku. Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa jwieġbu għal talbiet li huma manifestament bla bażi, *mhux ċari* jew eċċessivi. Barra minn hekk, il-fornituri tas-servizzi rilevanti jenħtieġ li jitħalla jitlob tariffa raġonevoli f'każ ta' [...] talbiet għaljin, filwaqt li jitqiesu l-ispejjeż amministrattivi għall-għoti tal-informazzjoni.

(47) Id-data personali miġbura direttament mingħand l-individwi, jew indirettament bħad-data inferita, meta l-individwi jiġu raggruppati skont l-interessi assunti tagħhom jew derivati permezz tal-attività online tagħhom, it-tfassil ta' profili tal-imġiba u tekniki oħra ta' analiżi, qed tintuża dejjem aktar biex il-messaġġi politiċi jiġu mmirati lejn gruppi jew votanti individwali jew individwi, u biex jiġi amplifikat l-impatt tagħhom. Abbażi tal-ipproċessar tad-data personali, b'mod partikolari *kategoriji speċjali ta' data personali* [...] skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, gruppi differenti ta' votanti jew individwi jistgħu jiġu segmentati u l-karatteristiċi jew il-vulnerabbiltajiet tagħhom jiġu sfruttati pereżempju billi r-reklami jiġu disseminati f'mumentu speċifiċi u f'postijiet speċifiċi mfassla biex jieħdu vantaġġ mis-sitwazzjonijiet fejn ikunu sensitivi għal ċertu tip ta' informazzjoni/messaġġ. Dan għandu effetti speċifiċi u detrimentali fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali taċ-ċittadini fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tagħhom u l-libertà tagħhom li jirċievu informazzjoni oġġettiva, li jiffurmaw l-opinjoni tagħhom, li jieħdu deċiżjonijiet politiċi u li jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom. Dan għandu impatt negattiv fuq il-proċess demokratiku. Għandhom jiġu previsti restrizzjonijiet u kundizzjonijiet addizzjonali mqabbla mar-Regolament (UE) 2016/679 u mar-Regolament (UE) 2018/1725. Il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament dwar l-użu ta' tekniki tal-immirar u tal-amplifikazzjoni li jinvolvu l-ipproċessar tad-data personali fil-kuntest tar-reklamar politiku jenħteġ li jkunu bbażati fuq l-Artikolu 16 TFUE.

³ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁴ Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(48) It-tekniki tal-immirar u tal-amplifikazzjoni fil-kuntest tar-reklamar politiku li jinvolvu l-ipproċessar ta' ***kategoriji speċjali*** ta' data msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 jenħtieġ għalhekk li jiġu pprojbiti. L-użu ta' tekniki bħal dawn jenħtieġ li jkun permess biss meta jitwettaq mill-kontrolluri, jew minn persuna li taġixxi f'***isimhom*** [...], abbażi tal-kunsens espliċitu tas-suġġett tad-data jew matul l-attivitajiet leġittimi tiegħu, b'salvagwardji xierqa minn fondazzjoni, minn assoċjazzjoni jew minn korp ieħor mingħajr skop ta' qligħ b'għan politiku, filosofiku jew reliġjuż, jew ta' trade union, u bil-kundizzjoni li l-ipproċessar ikun relatat biss mal-membri jew mal-eks membri tal-korp jew ma' persuni li jkollhom kuntatt regolari miegħu b'rabta mal-finijiet tiegħu, u li d-data personali ma tiġix żvelata barra minn dak il-korp mingħajr il-kunsens tas-suġġetti tad-data. Dan jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn salvagwardji [...] ***addizzjonali***. Il-kunsens jenħtieġ li jinftiehem bħala kunsens skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725. [...] Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li wieħed jibbaża fuq l-eċċezzjonijiet kif stabbiliti fl-Artikolu 9(2), il-punti (b), (c), (e), (f), (g), (h), (i) u (j) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(2), il-punti (b), (c), (e), (f), (g), (h), (i) u (j) tar-Regolament (UE) 2018/1725 rispettivament għall-użu ta' tekniki tal-immirar u tal-amplifikazzjoni għall-pubblikazzjoni, il-promozzjoni jew id-disseminazzjoni tar-reklamar politiku li jinvolvi pproċessar tad-data personali msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 ***L-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 inkluż dawk relatati mal-għoti u l-irtirar tal-kunsens, it-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet individwali inkluż it-tfassil ta' profili u d-dritt ta' oġġezzjoni, jibqgħu mhux affettwati minn dan ir-Regolament. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-kunsens espliċitu skont it-tifsira tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 jenħtieġ li jiġi pprovdut separatament u speċifikament għall-fini tar-reklamar politiku. F'konformità mad-dritt tal-Unjoni, il-kontrolluri jenħtieġ li jiżguraw li t-teħid ta' deċiżjonijiet individwali ma jiġix affettwat minn xejriet skuri li jimminaw jew ifixklu t-teħid ta' deċiżjonijiet awtonomi u infurmati, inkluż kaxxi mmarkati minn qabel u tekniki preġudikati u mhux trasparenti oħra li jwasslu lill-individwi għal deċiżjonijiet partikolari li altrimenti mhux neċessarjament kienu jieħdu. B'mod partikolari, il-mekkaniżmu biex jinkisbu deċiżjonijiet minn individwi jenħtieġ li jkun ċar u faċli biex jintuża, u l-prominenza relattiva tal-alternattivi jenħtieġ li ma tfittix li tinfluwenza d-deċiżjoni tal-individwu. L-informazzjoni pprovduta lill-individwi f'dan ir-rigward jenħtieġ li tkun konċiża u abbozzata b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem u tkun disponibbli faċilment, b'mod prominenti u dirett.***

- (48a) Jenħtieġ li l-komunikazzjoni interna minn partit politiku lill-membri tiegħu ma titqiesx li tuża tekniki ta' mmirar fil-kuntest ta' reklamar politiku sakemm tali komunikazzjoni tkun limitata għall-membri tiegħu u tkun ibbażata fuq data personali pprovduta minn dawk il-membri espressament għal dak l-għan.*
- (48b) Grupp partikolarment vulnerabbi li jista' jiġi sfruttat permezz tal-użu ħażin ta' tekniki ta' mmirar u amplifikazzjoni huma ż-żghażaġh żgħar ħafna. Filwaqt li għadhom mhumiex intitolati li jivvutaw, tali individwi jistgħu jiġu mmirati speċifikament sabiex jimmanipulaw id-dibattitu. Għalhekk jenħtieġ li jiġu pprojbiti tekniki tal-immirar jew tal-amplifikazzjoni li jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali ta' suġġett li jkun magħruf b'ċertezza raġonevoli li jkun mill-inqas sena taħt l-età tal-votazzjoni stabbilita mir-regoli nazzjonali, fil-kuntest tar-reklamar politiku.*

- (49) Sabiex jiġu żgurati trasparenza u responsabbiltà msaħħa, ***u irrispettivament minn jekk ir-reklamar politiku jinvolvi servizz jew le, jenħtieġ li jiġu implimentati salvagwardji addizzjonali*** meta jsir użu minn tekniki ta' mmirar u amplifikazzjoni fil-kuntest tar-reklamar politiku li jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali ***li mhuwiex ipprobit mir-Regolament. Tali rekwiżiti addizzjonali ta' trasparenza u ta' obbligu ta' rendikont jenħtieġ li japplikaw minn naħa għall-ipproċessar li jinvolvi kategoriji speċjali ta' data meta s-suġġett tad-data jkun ta kunsens espliċitu jew meta l-ipproċessar jitwettaq matul l-attivitajiet leġittimi tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 9(2)(a) u (d) tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 10(2)(a) u (d) tar-Regolament (UE) 2018/1725, u, min-naħa l-oħra, għall-ipproċessar ta' data personali fil-kuntest tar-reklamar politiku, li ma jinvolvi kategoriji speċjali ta' data. Jenħtieġ li daww ir-rekwiżiti addizzjonali jikkomplementaw is-salvagwardji eżistenti, inkluż daww li jikkonċernaw it-teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/679 u mal-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1725. [...] Il-kontrolluri [...] jenħtieġ li jadottaw, [...] jimplimentaw u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku*** politika li tiddekrivi [...] ***kif jintużaw*** tali tekniki [...] u jżommu rekord tal-attivitajiet rilevanti tagħhom. Meta jipubblikaw, jipromwovu jew jiddessiminaw reklam politiku li jagħmel użu minn tekniki tal-immirar u tal-amplifikazzjoni, il-kontrolluri jenħtieġ li jipprovdu, flimkien mar-reklam politiku, informazzjoni sinifikanti biex jippermettu lill-individwu kkonċernat jifhem il-loġika involuta u l-parametri prinċipali tal-immirar użat, u l-użu tad-data ta' terzi u tekniki analitiċi addizzjonali, inkluż jekk l-immirar tar-reklamar kienx ottimizzat aktar matul il-konsenja.
- (50) Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li jagħmlu użu minn tekniki tal-immirar jew tal-amplifikazzjoni jenħtieġ li jinkludu, fl-avviż ta' trasparenza tagħhom, l-informazzjoni meħtieġa biex l-individwu kkonċernat ikun jista' jifhem il-loġika involuta u l-parametri prinċipali tat-teknika użata, u l-użu tad-data ta' terzi u ta' tekniki analitiċi addizzjonali użati. [...]

- (50a) *Ir-rekwiżiti ta' trasparenza u ta' obbligu ta' rendikont jenħtieġ li japplikaw għall-kontrolluri kollha irrISPettivament minn jekk il-kontrollur jaġixxix fil-kapaċità tiegħu stess, b'mod konġunt mal-fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku jew huwiex l-istess entità bħall-pubblikatur tar-reklamar politiku.* F'każ li l-kontrollur ikun differenti mill-pubblikatur tar-reklamar, il-kontrollur jenħtieġ li jittrażmetti lill-pubblikatur tar-reklamar politiku l-politika interna *u jiżgura li informazzjoni oħra meħtieġa għall-konformità ma' dan ir-Regolament tiġi kkomunikata lill-pubblikatur tar-reklamar politiku fil-ħin u b'mod preċiż [...]*
- (50b) Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar jenħtieġ li[...] jittrażmettu lill-pubblikaturi tar-reklamar politiku l-informazzjoni meħtieġa biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament. It-*trażmissjoni* [...] ta' din l-informazzjoni tista' tkun awtomatizzata u integrata fil-proċessi kummerċjali ordinarji abbażi ta' standards.
- (51) Sabiex l-individwi jingħataw aktar is-setgħa li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tal-protezzjoni tad-data, il-pubblikaturi tar-reklamar politiku jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni addizzjonali u għodod effettivi lis-suġġett tad-data kkonċernat biex jappoġġaw l-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom skont il-qafas legali tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, inkluż biex joġġezzjonaw jew jirtiraw il-kunsens tagħhom meta jkunu fil-mira ta' reklam politiku. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tkun faċilment aċċessibbli direttament mill-avviż ta' trasparenza. L-għodod li huma disponibbli għall-individwi biex jappoġġaw l-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom jenħtieġ li jkunu effettivi biex jipprevjenu li individwu jkun fil-mira ta' reklamar politiku, kif ukoll biex jipprevjenu l-immirar abbażi ta' kriterji speċifiċi u minn kontrollur speċifiku wieħed jew aktar.
- (52) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tteġġeg it-tfassil ta' kodiċijiet ta' kondotta kif imsemmi fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) 2016/679 biex tappoġġa l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data f'dan il-kuntest.
- (53) L-informazzjoni li trid tiġi pprovduta f'konformità mar-rekwiżiti kollha applikabbli għall-użu ta' tekniki tal-immirar u tal-amplifikazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi ppreżentata f'format li jkun faċilment aċċessibbli, viżibbli b'mod ċar u faċli għall-utent, inkluż permezz tal-użu ta' lingwaġġ sempliċi.

- (54) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli dwar it-trażmissjoni ta' informazzjoni dwar l-immirar lejn entitajiet interessati oħra. Ir-reġim applikabbli jenħtieġ li jkun konsistenti mar-reġim għat-trażmissjoni ta' informazzjoni relatata mar-rekwiżiti ta' trasparenza.
- (55) Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku stabbiliti f'pajjiż terz li joffru servizzi fl-Unjoni jenħtieġ li jaħtru rappreżentant legali awtorizzat fl-Unjoni biex jippermetti sorveljanza effettiva ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' dawk il-fornituri. Ir-rappreżentant legali jista' jkun dak maħtur abbażi tal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2016/679) jew ir-rappreżentant maħtur abbażi tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2022[...]/xxx [id-DSA].
- (55a) Ir-rappreżentant legali maħtur jenħtieġ li jirreġistra ma' awtorità kompetenti waħda maħtura għal dawk il-finijiet. Fl-interess li tiġi pprovduta informazzjoni li tista' tiġi rkuprata faċilment dwar ir-rappreżentanti legali maħtura tal-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku stabbiliti barra mit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti rilevanti tippubblika online u taġġorna regolarment l-informazzjoni dwar ir-rappreżentanti legali fit-territorju tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi portal li jillinkja mas-siti web ipprovduti mill-Istati Membri.***
- (56) Fl-interess tas-superviżjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet ta' sorveljanza jiġu fdati bil-kompetenza li jimmonitorjaw u jinfurzaw ir-regoli rilevanti. Skont is-sistema legali ta' kull Stat Membru u f'konformità mad-dritt eżistenti tal-Unjoni inkluż ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2022[...]/xxx [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], jistgħu jinħatru awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi nazzjonali differenti għal dan il-għan.

- (57) Fir-rigward tas-superviżjoni ta' servizzi intermedjarji online skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru awtoritajiet kompetenti u jiżguraw li din is-superviżjoni tkun koerenti mal-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. Il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali f'kull Stat Membru, skont ir-Regolament (UE) dwar is-Servizzi Diġitali, jenħtieġ li, fi kwalunkwe każ, ikunu responsabbli biex jiżguraw il-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet u jinvolvu ruħhom, fejn meħtieġ, f'kooperazzjoni transfruntiera ma' Koordinaturi oħra tas-Servizzi Diġitali skont il-mekkaniżmi stabbiliti fir-Regolament (UE) [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. Fil-qafas tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dan il-mekkaniżmu jenħtieġ li jkun limitat għall-kooperazzjoni nazzjonali bejn il-Koordinaturi tas-Servizzi Diġitali [u jenħtieġ li ma jinkludix l-eskalazzjoni għal-livell tal-Unjoni kif previst mir-Regolament (UE) [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].
- (58) Għas-sorveljanza ta' dawn l-aspetti ta' dan ir-Regolament li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet superviżorji skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u r-Regolament (UE) 2018/1725, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru awtoritajiet kompetenti **rilevanti**. Biex jiġu appoġġati ż-żamma tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-prinċipji demokratiċi u l-fiduċja pubblika fis-sorveljanza tar-reklamar politiku, huwa meħtieġ li dawn l-awtoritajiet ikunu **imparzjali**, strutturalment indipendenti minn intervent estern jew minn pressjoni politika u jkollhom is-setgħa xierqa **biex** jimmonitorjaw u jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7. **Filwaqt li** l-Istati Membri jistgħu jaħtru, b'mod partikolari, l-awtoritajiet jew il-korpi regolatorji nazzjonali skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵, **huma jistgħu jaħtru wkoll awtoritajiet oħra, bħall-awtoritajiet elettorali jew ġudizzjarji.**

⁵ Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

- (59) Fejn diġà jeżistu regoli skont id-dritt tal-Unjoni dwar il-provvista ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti u l-kooperazzjoni ma' dawk l-awtoritajiet u bejniethom, bħall-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2021/xxx [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], jew dawk li jinsabu fir-Regolament (UE) 2016/679, dawk ir-regoli jenħtieġ li japplikaw mutatis mutandis għad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.
- (59a) *Biex jiġu appoġġati l-applikazzjoni, is-superviżjoni u l-infurzar effettivi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, ir-Regolament (UE) 2018/1725 u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit liema awtorità kompetenti jenħtieġ li tkun responsabbli meta s-servizzi jiġu pprovduti f'aktar minn Stat Membru wieħed, jew meta l-fornitur tas-servizzi jwettaq l-attivitajiet ewlenin tiegħu barra mill-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni jew ir-rappreżentant maħtur tiegħu. Meta fornitur ta' servizzi jkun qed jipprovdi servizzi ta' reklamar politiku f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment ewlieni tal-fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku jenħtieġ li normalment ikunu responsabbli għall-applikazzjoni, is-superviżjoni u l-infurzar effettivi tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Fid-determinazzjoni ta' fejn fornitur ta' servizz ikollu l-istabbiliment ewlieni tiegħu, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jqisu fejn il-fornitur ikollu l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat tiegħu li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operazzjonali.***
- (59b) *Fit-twettiq tas-setgħat investigattivi u ta' infurzar tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin u jassistu lil xulxin kif meħtieġ. Jekk il-ksur suspettat ta' dan ir-Regolament jinvolvi biss lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti fejn il-fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku ma jkollux l-istabbiliment ewlieni tiegħu, l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jenħtieġ li jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment ewlieni, li jenħtieġ li tivvaluta l-kwistjoni u, kif applikabbli, tieħu l-miżuri ta' infurzar meħtieġa.***
- (59c) *Biex tkompli tiffaċilita l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi ta' dan ir-Regolament f'każ tal-forniment ta' servizzi transfruntiera, meta l-investigazzjoni ta' ksur allegat tikkonċerna l-forniment ta' servizzi ta' reklamar politiku fi Stat Membru wieħed jew aktar li fih il-fornitur ma jkollux l-istabbiliment ewlieni tiegħu, l-awtorità kompetenti tal-istabbiliment ewlieni tista' tniedi u tmexxi investigazzjoni konġunta bil-parteciċipazzjoni tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati.***

(60) L-awtoritajiet kompetenti għas-sorveljanza ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE billi jagħmlu l-aħjar użu mill-istrutturi eżistenti inklużi n-networks ta' kooperazzjoni nazzjonali, in-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet kif imsemmi fir-Rakkomandazzjoni C(2018) 5949 final, u l-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva stabbilit skont id-Direttiva 2010/13/UE. Din il-kooperazzjoni jenħtieġ li tiffaċilita l-iskambju rapidu u sigur ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji u ta' infurzar tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż billi tidentifika b'mod konġunt il-ksur, taqsam is-sejbiet u l-għarfien espert, u tikkoordina dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli rilevanti.

(60a) Għall-finijiet li tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva u strutturata fost l-awtoritajiet kompetenti kollha, l-esperti maħtura mill-Istati Membri jenħtieġ li jiltaqgħu perjodikament fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet li jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, u networks rilevanti oħra. Sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u prattiki fil-livell tal-Unjoni, in-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet jenħtieġ li jikkoopera mill-qrib mal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, b'mod partikolari fir-rigward tar-rappurtar dwar id-diskussjonijiet li saru fir-rigward ta' dan ir-Regolament.

- (61) Bil-għan li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni effettiva tal-obbligi stabbiliti fir-regolament, huwa meħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jingħataw is-setgħa li jitolbu lill-**fornituri** ta' servizzi **ta' reklamar politiku** [...]l-informazzjoni rilevanti dwar it-trasparenza tar-reklamar politiku. L-informazzjoni li għandha tiġi trażmessa lill-awtoritajiet kompetenti tista' tikkonċerna kampanja tar-reklamar, tkun aggregata skont is-snin jew tikkonċerna reklami speċifiċi. Sabiex jiġi żgurat li t-talbiet għal din l-informazzjoni jkunu jistgħu jiġu rrispettati b'mod effettiv u effiċjenti, u fl-istess ħin li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku ma jkunux soġġetti għal xi piż sproporzjonat, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti kundizzjonijiet li dawk it-talbiet jenħtieġ li jissodisfaw. Fl-interess tas-sorveljanza f'waqtha ta' proċess elettorali b'mod partikolari, il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jenħtieġ li jwieġbu malajr għat-talbiet mill-awtoritajiet kompetenti, u dejjem fi żmien **għaxart** [...]ijjem tax-xogħol minn meta jirċievu l-miżura. **Matul l-aħħar xahar tal-kampanja elettorali, jenħtieġ li l-ksur ta' dawn l-obbligi jitqies bħala li jaffettwa b'mod negattiv u gravi d-dritt taċ-ċittadin, u għalhekk jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku jipprovdu l-informazzjoni mitluba fi żmien 48 siegħa. Jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 3, il-paragrafi 1 sa 3 tad-Direttiva 2013/34/UE jagħmlu sforzi raġonevoli biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba mingħajr dewmien mhux iġġustifikat u fejn possibbli qabel id-data tal-elezzjoni jew ir-referendum.** Fl-interess taċ-ċertezza legali u f'konformità mad-drittijiet tad-difiża, it-talbiet biex tiġi pprovduta informazzjoni minn awtorità kompetenti jenħtieġ li jkun fihom dikjarazzjoni adegwata tar-raġunijiet u l-informazzjoni dwar ir-rimedju disponibbli. Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jenħtieġ li jaħtru punti ta' kuntatt għall-interazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti. Dawn il-punti ta' kuntatt jistgħu jkunu elettroniċi.
- (62) L-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru punt ta' kuntatt fil-livell tal-Unjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Il-punt ta' kuntatt jenħtieġ, jekk ikun possibbli, li jkun membru tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet. Il-punt ta' kuntatt jenħtieġ li jiffaċilita l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti bejn l-Istati Membri fil-kompiti ta' superviżjoni u infurzar tagħhom, b'mod partikolari billi jintermedja mal-punti ta' kuntatt fi Stati Membri oħra u mal-awtoritajiet kompetenti fl-**Istat Membru**[...]tiegħu stess.

(63) L-awtoritajiet tal-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġi sanzjonat b'[...] multi jew penali finanzjarji **u, b'rimedji oħra kif xieraq.** Meta jagħmlu dan, jenħtieġ li jqisu n-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u t-tul ta' żmien tal-ksur fid-dawl tal-interess pubbliku inkwistjoni, l-ambitu u t-tip ta' attivitajiet imwettqa, kif ukoll il-kapaċità ekonomika tal-kontraventur, **fejn applikabbli.** F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqies ir-rwol kruċjali li għandhom l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli **5 u 7** għall-ilħuq effettiv tal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jqisu jekk il- [...] fornitur **ta' servizzi ta' reklamar politiku jew l-isponsor** ikkonċernat jonqosx b'mod sistematiku jew rikorrenti milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, inkluż billi jdewwem il-provvista ta' informazzjoni lill-entitajiet interessati, kif ukoll, fejn rilevanti, jekk il-fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku huwiex attiv f'diversi Stati Membri. Il-penali finanzjarji, [...] [...] multi **u rimedji oħra jenħtieġ li** [...] jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi f'kull każ, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-provvista ta' salvagwardji proċedurali suffiċjenti u aċċessibbli, u b'mod partikolari il-ħtieġa li jiġi żgurat li d-dibattitu politiku jibqa' miftuħ u aċċessibbli.

(63a) ***F'konformità mal-prinċipji ġenerali tar-responsabbiltà, fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku ma jistax jiġi ssanzjonat meta jkun aġixxa abbażi ta' informazzjoni mhux preċiża jew falza riċevuta mill-isponsor, li ma kinitx manifestament żbaljata, dment li ma jkunx sar konxju tal-iżball fi stadju aktar tard.***

(63b) ***Sabiex jappoġġaw l-applikazzjoni u l-monitoraġġ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jindirizzaw in-notifiki li jirċievu minn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika dwar ksur possibbli ta' dan ir-Regolament u, tal-anqas fuq talba, jinformaw lill-persuna li tkun għamlet in-notifika dwar is-segwitu mogħti lilha. Matul l-aħħar xahar qabel elezzjoni jew referendum, kwalunkwe notifika li tasal fir-rigward ta' reklamar politiku marbut ma' dik l-elezzjoni jew referendum jenħtieġ li tiġi indirizzata mingħajr dewmien żejjed.***

- (64) L-eżerċizzju mill-awtoritajiet superviżorji tas-setgħat tagħhom skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun suġġett għal salvagwardji proċedurali xierqa f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u mal-liġi tal-Istati Membri, inklużi rimedju ġudizzjarju u proċess dovut tal-liġi effettivi.
- (65) ***Sabiex tiġi appoġġata l-konformità ma' dan ir-Regolament, il-fornituri tas-servizzi u entitajiet interessati oħra jenħtieġ li jiġu pprovduti b'informazzjoni fil-ħin u aċċessibbli faċilment dwar id-dati tal-elezzjonijiet u r-referenda nazzjonali.*** Jenħtieġ ***għalhekk*** li l-Istati Membri jippubblikaw id-dati tal-elezzjonijiet u r-referenda tagħhom. ***Din l-informazzjoni jenħtieġ li tkun faċilment aċċessibbli u fil-ħin. Huma jenħtieġ li jipprovdu wkoll din l-informazzjoni lill-pubbliku permezz ta' portal magħmul disponibbli mill-Kummissjoni, immedjatament wara li titħabbar[...].***
- (65a) ***Biex tappoġġa l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni hija mħeġġa tfassal linji gwida, kif meħtieġ, dwar l-identifikazzjoni tar-reklamar politiku u dwar l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet.***
- (66) Sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati l-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikolu 7(8[...]) biex tispeċifika aktar il-forma li fiha għandhom jiġu pprovduti r-rekwiżiti għall-provvista ta' informazzjoni fl-avviżi ta' trasparenza skont dak l-Artikolu; u fir-rigward tal-Artikolu 12a(6[...]) biex tiġi speċifikata aktar il-forma li fiha jenħtieġ li jiġu pprovduti r-rekwiżiti tal-provvista ta' informazzjoni dwar l-immirar. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa ***mal-***[...]esperti maħtura minn kull Stat Membru, u li dawn il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejjija ta' atti delegati.

- (67) Fi żmien sentejn wara kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni jenħtieġ li tippreżenta rapport pubbliku dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami ta' dan ir-Regolament. Fit-tnejn ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis ukoll l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fil-kuntest ta' elezzjonijiet u referenda oħra oħrajn li jseħħu fl-Unjoni ***u l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq atturi tal-media żgħar u ta' daqs medju. Ir-rapport jenħtieġ li jevalwa b'mod partikolari l-effettività tar-Regolament fir-rigward ta' mezzi speċifiċi ta' reklamar politiku, ir-restrizzjoni ulterjuri tal-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tat-tekniki tal-immirar u tal-amplifikazzjoni regolati skont dan ir-Regolament, it-tip u l-ammont ta' sanzjonijiet imposti mill-Istati Membri, u r-reqwiżit li jiġu stabbiliti repożitorji pubbliċi tar-reklami għar-reklamar politiku online kollu.*** Ir-rapport jenħtieġ li jirrevedi, inter alia, l-adegwatezza kontinwa tad-dispożizzjonijiet tal-annessi ta' dan ir-Regolament u jqis il-ħtieġa għar-reviżjoni tagħhom.
- (68) L-obbligi komplementari dwar l-użu tar-reklamar politiku mill-partiti politiċi Ewropej huma pprovduti fir-Regolament (UE) 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.
- (69) Billi l-oġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-kontribut għall-funzjonament xieraq tas-sug intern għar-reklamar politiku u għas-servizzi relatati u l-istabbiliment ta' regoli dwar l-użu tal-immirar fil-kuntest tal-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tar-reklamar politiku, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta dan ir-Regolament, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-oġettivi.
- (70) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti b'mod partikolari mid-Direttiva 2000/31/KE, inklużi r-regoli ta' responsabbiltà għall-fornituri tas-servizzi intermedjarji fl-Artikoli 12 sa 15 ta' dik id-Direttiva kif immodifikati mir-Regolament (UE) 2021/xxx [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali], ir-Regolament (UE) 2021/xxx [l-Att dwar is-Swieq Diġitali], id-Direttiva 2002/58/KE u r-Regolament (UE) XXX [ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika], kif ukoll id-Direttiva (UE) 2010/13, id-Direttiva 2000/31/KE, id-Direttiva 2002/58/KE, id-Direttiva 2005/29/KE, id-Direttiva 2011/83/UE, id-Direttiva 2006/114/KE, id-Direttiva 2006/123/KE u r-Regolament (UE) 2019/1150.

- (71) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 u ta opinjoni fil-XX XX 2022.

KAPITOLU I – DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u *objettivi*[...]

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi:
 - (a) obbligi armonizzati ta' trasparenza għall-fornituri tar-reklamar politiku u ta' servizzi relatati biex iżommu, jiżvelaw u jipubblikaw informazzjoni marbuta mal-provvista ta' tali servizzi;
 - (b) regoli armonizzati dwar l-użu ta' tekniki tal-immirar u tal-amplifikazzjoni fil-kuntest ta' [...] reklamar politiku li jinvolvi l-*ipproċessar* [...] ta' data personali, **u irrispettivament minn jekk ir-reklamar politiku jinvolvi servizz.**
2. [...]
3. L-għanijiet ta' dan ir-Regolament huma:
 - (a) li jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern għar-reklamar politiku u s-servizzi relatati;
 - (b) li jiproteġi lill-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali.

1. [...] [...] [...] [...] [...] [...] [...] [...] [...] [...] [...]

Artikolu 1a

Kamp ta' applikazzjoni

1. *Dan ir-Regolament għandu japplika għar-reklamar politiku fejn ir-reklamar politiku jiġi disseminat fl-Unjoni, jew ikun dirett lejn individwi jew jinġieb għad-dominju pubbliku fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri, irrISPettivament mill-post tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku, u irrISPettivament mill-mezzi użati.*
2. *Dan ir-Regolament la għandu jaffettwa l-kontenut tar-reklami politiċi u lanqas ir-regoli tal-Unjoni jew tal-Istati Membri li jirregolaw aspetti oħra għajr dawk koperti minn dan ir-Regolament.*

3[...]. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli stabbiliti f'dawn li ġejjin:

- (a) id-Direttiva 2000/31/KE;
- (b) id-Direttiva 2002/58/KE u r-Regolament (UE) XXX [ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika];
- (c) id-Direttiva 2005/29/KE;
- (d) id-Direttiva 2006/114/KE;
- (e) id-Direttiva 2006/123/KE;
- (f) id-Direttiva (UE) 2010/13;
- (g) id-Direttiva 2011/83/UE;
- (h) ir-Regolament (UE) 2019/1150;
- (i) [ir-Regolament (UE) 2022/xxx [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]].

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament[...]:

1. "servizz" tfisser kwalunkwe attività ekonomika ta' impjieg awtonomu normalment provduta bi ħlas kif imsemmi fl-Artikolu 57 TFUE;
2. "reklamar politiku" tfisser it-tnejn, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni, bi kwalunkwe mezz, ta' messaġġ:
 - (a) minn attur politiku, għalih jew f'ismu, sakemm ma jkunx ta' natura purament privata jew purament kummerċjali; jew

- (b) li jista' ***u jkun imfassal biex*** jinfluwenza r-riżultat ta' elezzjoni jew referendum, ***imġiba ta' votazzjoni jew*** proċess leġiżlattiv jew regolatorju, [...] [...] ***fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali jew lokali.***

Ma għandux jinkludi:

- i. opinjonijiet politiċi espressi fi kwalunkwe media taħt responsabbiltà editorjali sakemm ma tkunx prevista remunerazzjoni speċifika għal jew b'rabta mal-espressjoni ta' dik l-opinjoni politika.***
- ii. [...]messaġġi minn sorsi uffiċjali tal-Istati Membri jew tal-Unjoni relatati esklużivament [...] mal-organizzazzjoni u l-modalitajiet għall-parteċipazzjoni f'elezzjonijiet jew referenda, inkluż il-kandidaturi u l-mistoqsija magħmula fir-referendum, jew għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni f'elezzjonijiet jew referenda[...].***
- iii. komunikazzjoni pubblika minn, għal jew f'isem kwalunkwe awtorità pubblika ta' Stat Membru, inkluż membri tal-Gvern, dment li ma jkunux imfassla biex jinfluwenzaw l-eżitu ta' elezzjoni jew referendum, imġiba ta' votazzjoni jew proċess leġiżlattiv jew regolatorju;***
- iv. preżentazzjoni ta' kandidati fi spazji pubbliċi speċifikati jew fil-media li hija espliċitament ipprovduta mil-liġi u allokata mingħajr ħlas filwaqt li jiġi żgurat trattament ugwali.***
3. "reklam politiku" tfisser istanza ta' reklamar politiku ***ppubblikata jew disseminata bi kwalunkwe mezz;***
4. "attur politiku" tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:
- (a) partit politiku skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 jew entità [...] relatata ma' [...] tali partit politiku;

- (b) alleanza politika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1141/2014;
- (c) partit politiku Ewropew skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014;
- (d) kandidat **għal** kwalunkwe ufficiju elett **jew persuna li tkun diġà tokkupah** fil-livell tal-**Unjoni**[...], nazzjonali, reġjonali u lokali, jew [...] **kwalunkwe** pożizzjoni ta' tmexxija[...] **ta'** [...] partit politiku;

[...]

- (f) [...]membru tal-**istituzzjonijiet tal-Unjoni, għajr tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tal-Bank Ċentrali Ewropew u tal-Qorti tal-Awdituri, jew ta' gvern ta' xi Stat Membru fil**-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali;

[...]

- (h) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tirrappreżenta jew taġixxi f'isem kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni fil-punti (a) sa (g) **u** li tippromwovi l-objettivi politiċi ta' kwalunkwe wieħed minnhom.

5. "servizz ta' reklamar politiku" tfisser servizz li jikkonsisti minn reklamar politiku bl-eċċezzjoni ta' servizz intermedjarju online skont it-tifsira tal-Artikolu 2(f) tar-Regolament (UE) 2022[...]/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] li jiġi pprovdut mingħajr [...] **remunerazzjoni speċifika** għat-**tħejjija**, it-tqegħid, il-**promozzjoni**, il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni għall-messaġġ [...] **politiku**.

- 5a. *"fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizzi ta' reklamar politiku, bl-eċċezzjoni ta' servizzi purament anċillari.*
6. "kampanja tar-reklamar politiku" tfisser it-tnejn, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni ta' sensiela ta' reklami *politiċi* relatati matul kuntratt għar-reklamar politiku, abbażi ta' tnejn, sponsorizzazzjoni jew finanzjament komuni;
7. "sponsor" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika *li fuq talba tagħha jew* f'isimha jitħejja, jitqiegħed, *jiġi promoss*, jiġi ppubblikat jew jiġi disseminat reklamar politiku;
8. "tekniki [...] tal-immirar " tfisser tekniki li jintużaw [...] biex jiġi indirizzat [...]reklam politiku, *normalment b'kontenut infassal apposta*, lill persuna speċifika biss jew lil grupp ta' persuni, *abbażi tal-ipproċessar ta' data personali*[...];
- 8a. *"tekniki ta' amplifikazzjoni" tfisser tekniki ta' ottimizazzjoni, inkluż tekniki ta' twassil tar-reklami, li jintużaw biex tiżdied iċ-ċirkolazzjoni, l-ilħuq jew il-viżibbiltà ta' reklam politiku bbażat fuq l-ipproċessar ta' data personali u li jista' jservi biex ir-reklam politiku jitwassal biss lil persuna speċifika jew grupp ta' persuni;*
9. [...]
10. "elettorat rilevanti" tfisser il-korp ta' individwi eliġibbli biex jivvutaw fl-elezzjoni jew fir-referendum li jkun qed jiġi jsir fl-Istat Membru li fih ikun qed *jiġi ppubblikat jew disseminat*[...], reklam politiku, li jista' jkun l-elettorat kollu ta' Stat Membru;

11. "pubblikatur tar-reklamar politiku" tfisser *fornitur ta' servizz ta' reklamar politiku* [...] li *jippubblika jew jiddissemina reklamar* [...] bi kwalunkwe mezz;
 12. "kontrollur" tfisser kontrollur skont l-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 jew, fejn applikabbli, skont l-Artikolu 3[...] (8) tar-Regolament (UE) 2018/1725.
- [...]

Artikolu 2a

Identifikazzjoni ta' reklam politiku

1. *Għall-fini li jiġi ddeterminat jekk messaggġ jikkostitwix reklam politiku skont it-tifsira tal-Artikolu 2, punt 2(b), għandhom jitqiesu l-karatteristiċi rilevanti tiegħu, bħal:*
 - (a) il-kontenut tal-messaggġ;*
 - (b) l-isponsor tal-messaggġ;*
 - (c) il-lingwa użata biex jitwassal il-messaggġ, il-mezzi li bihom il-messaggġ jiġi promoss, ippubblikat jew disseminat, u l-udjenza fil-mira;*
 - (d) il-kuntest li fih jitwassal il-messaggġ, inkluż il-perjodu ta' disseminazzjoni bħal perjodi ta' elezzjoni jew referendum u l-proċess leġiżlattiv jew regolatorju;*
 - (e) l-objettiv tal-messaggġ.*

2. *Jenħtieġ li tkun teżisti rabta ċara u sostanzjali bejn il-messaġġ u l-potenzjal tiegħu li jinfluwenza l-eżitu ta' elezzjoni jew referendum, l-imġiba fil-votazzjoni, jew proċess leġiżlattiv jew regolatorju.*

Artikolu 3

Prinċipju tas-Suq Intern[...]

1. L-Istati Membri ma għandhomx iżommu jew jintroduċu, għal raġunijiet relatati mat-trasparenza *tar-reklamar politiku*, dispożizzjonijiet jew miżuri diverġenti minn dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament.
2. Il-forniment[...] tas-servizzi ta' reklamar politiku ma għandhomx ikunu pprojbiti u lanqas ristretti għal raġunijiet relatati mat-trasparenza meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II – OBBLIGI TA' TRASPARENZA GĦAS-SERVIZZI TA' REKLAMAR POLITIKU

Artikolu 4

Trasparenza tas-servizzi ta' reklamar politiku

1. Is-servizzi ta' reklamar politiku għandhom jiġu pprovduti b'mod trasparenti f'konformità mal-obbligi stabbiliti fil-**Kapitolu II** [...]ta' dan ir-Regolament.
- 1a. Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku għandhom jiżguraw li l-arranġamenti kuntrattwali konklużi għall-provvista ta' servizz tar-reklamar politiku jippermettu l-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.**

Artikolu 5

Identifikazzjoni tas-servizzi ta' reklamar politiku

1. Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar għandhom jitolbu lill-isponsors u lill-fornituri tas-servizzi ta' reklamar li jaġixxu f'isem l-isponsors biex jiddikjaraw jekk is-servizz tar-reklamar li jitolbu lill-fornitur tas-servizz biex iwettaq, jikkostitwixxix servizz tar-reklamar politiku skont it-tifsira tal-Artikolu 2(5). L-isponsors u l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar li jaġixxu f'isem l-isponsors għandhom jaġhmlu tali dikjarazzjoni **b'mod onest**.
2. Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku għandhom jiżguraw li l-arranġamenti kuntrattwali konklużi għall-provvista ta' servizz tar-reklamar politiku **jeħtieġu li l-isponsor jew il-fornituri ta' servizzi ta' reklamar li jaġixxu f'isem [...]l-isponsors jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikolu 6, il-paragrafu 1. Dik l-informazzjoni għandha tintbagħat b'mod komplet u preċiż u mingħajr dewmien żejjed[...]**.
- 2a. Fejn fornitur ta' servizzi ta' reklamar isir konxju jew ikollu għarfien reali li[...]dikjarazzjoni jew informazzjoni hija manifestament żbaljata, huwa għandu jitlob lill-isponsor[...] jew lill-fornitur[...] ta' servizzi ta' reklamar li jaġixxi f'isem sponsor[...] biex jikkoreġi d-dikjarazzjoni tiegħu jew l-informazzjoni pprovduta. L-isponsors jew il-**

fornituri ta' servizzi ta' reklamar li jaġixxu f'isem l-isponsors għandhom jagħmlu tali korrezzjonijiet b'mod komplut u preċiż u mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 6

Żamma ta' rekords [...]

1. Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku għandhom iżommu l-informazzjoni li jiġbru fil-provvista tas-servizzi tagħhom, dwar dawn li ġejjin:
 - (a) ir-reklam politiku jew il-kampanja tar-reklamar politiku li magħhom huma marbuta s-servizz jew is-servizzi;
 - (b) is-servizz jew is-servizzi speċifiċi *li jkun pprovdew* b'rabta mar-reklamar politiku;
 - (c) l-ammonti li ffatturaw għas-servizz jew għas-servizzi pprovduti, u l-valur ta' benefiċċji oħra riċevuti bi skambju parzjali jew sħiħ għas-servizz jew għas-servizzi pprovduti *u s-sorsi tagħhom*; [...]
 - (d) [...] l-identità tal-isponsor *tar-reklam politiku u, fejn applikabbli, tal-entità li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla lill-isponsor* , [...] id-dettalji ta' kuntatt *tagħhom u, għal persuni ġuridiċi, il-post tal-istabbiliment tagħhom; u*

(da) fejn applikabbli, indikazzjoni tal-elezzjonijiet jew tar-referenda rilevanti li magħhom ikun relatat ir-reklam politiku.
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun *bil-miktub jew* [...] [...] f'forma elettronika. Tali informazzjoni għandha tinżamm għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-aħħar preparazzjoni, tqegħid, *promozzjoni*, pubblikazzjoni jew disseminazzjoni, skont il-każ.
- 2a. *Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal impriżi li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1 tad-Direttiva 2013/34/UE jekk il-forniment ta' servizzi ta' reklamar ikun purament marġinali u anċillari għall-attivitajiet ewlenin tagħhom.*
3. [...]

Artikolu 6a

Trażmissjoni ta' informazzjoni lill-pubblikatur tar-reklamar politiku

- 1. Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 tiġi kkomunikata f'waqtha u b'mod sħiħ u preċiż lill-pubblikaturi tar-reklamar politiku li ser jippubblikaw jew jiddisseminaw ir-reklam politiku biex jippermettu lill-pubblikaturi tar-reklamar politiku jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jagħmlu sforzi raġonevoli biex jiżguraw li l-informazzjoni miżmuma skont l-Artikolu 6, il-paragrafu 1 tkun kompluta u preċiża.*

Meta l-pubblikatur tar-reklamar politiku jkun l-uniku fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku, l-isponsor għandu jikkomunika l-informazzjoni rilevanti lill-pubblikatur.

- 2. Jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jittrażmettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin li jiġi pprovdut is-servizz rilevanti, f'konformità mal-aħjar Prattika u mal-istandards tal-industrija, u dan permezz ta' proċess awtomatizzat standardizzat fejn ikun teknikament possibbli.*
- 3. Meta fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku jsir konxju li l-informazzjoni li jkun ittrażmetta tkun ġiet aġġornata, għandu jiżgura li din l-informazzjoni aġġornata tiġi kkomunikata lill-pubblikatur rilevanti tar-reklamar politiku.*

Rekwiżiti ta' trasparenza għal kull reklam politiku

1. ***Il-fornitur tas-servizz ta' reklamar politiku*** [...] għandu ***jagħmel*** [...] disponibbli, ***flimkien ma' kull reklam politiku***, [...] l-informazzjoni li ġejja b'mod ċar, imponenti u mhux ambigwu:

(a) dikjarazzjoni li tgħid li huwa reklam politiku;

(b) l-identità tal-isponsor tar-reklam politiku u, ***fejn applikabbli***, tal-entità li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla l-isponsor;

(ba) fejn applikabbli, dikjarazzjoni li tgħid li r-reklam politiku ġie mmirat jew amplifikat;

(c) avviż ta' trasparenza li jippermetti li jinftiehem il-kuntest usa' tar-reklamar politiku u l-għanijiet tiegħu, jew indikazzjoni ċara ta' fejn jista' jinkiseb faċilment.

F'dan ir-rigward, il-pubblikaturi tar-reklamar politiku għandhom jużaw tekniki effiċjenti u prominenti ta' mmarrar u ta' tikkettar li jippermettu li r-reklam politiku jiġi identifikat faċilment bħala tali u l-immarrar jew it-tikkettar jibqa' fis-seħħ f'każ li reklam politiku jiġi disseminat aktar.

2. L-avviż ta' trasparenza [...] għandu jinkludi, ***mill-inqas*** l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identità tal-isponsor ***u, fejn applikabbli, tal-entità li fl-aħħar mill-aħħar tikkontrolla l-isponsor*** [...];

(b) [...]

(c) [...] informazzjoni dwar l-ammonti aggregati jew ta' benefiċċji oħra riċevuti ***mill-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku, inkluż dawk riċevuti mill-pubblikatur*** bi skambju parzjali jew sħiħ ***għas-servizzi ta' reklamar politiku għar***-[...]reklamar rilevanti, u ***għall***-[...]kampanja tar-reklamar politiku fejn rilevanti, u s-sorsi tagħhom;

- (d) fejn applikabbli, indikazzjoni tal-elezzjonijiet jew tar-referenda li magħhom ikun relatat ir-reklam;
- (e) fejn applikabbli, links għar-repożitorji online tar-reklami *msemmija fil-paragrafu 6*;
- (ea) *fejn applikabbli, l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 12a(1) punt (c) u (ca)*;
- (f) [...]
- (g)[...] Fl-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviż ta' trasparenza għandu *jkun hemm ukoll l-elementi* [...]deskritti fl-Anness I.

- 2a. *L-avviż ta' trasparenza għandu jiġi inkluż f'kull reklam politiku jew għandu jkun jista' jiġi rkuprat faċilment mill-ewwel pubblikazzjoni tiegħu u sa tmiem il-pubblikazzjoni tiegħu. L-avviżi ta' trasparenza għandhom jiġu ppreżentati f'format li jkun faċilment aċċessibbli u, fejn ikun teknikament possibbli, li jista' jinqara mill-magni, ikun viżibbli b'mod ċar u faċli għall-utent, inkluż billi jintuża lingwaġġ sempliċi. L-avviżi ta' trasparenza li jinqraw minn magna għandhom ikunu aċċessibbli permezz ta' interfaċċa komuni għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku.*
3. Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku għandhom jaġhmlu sforzi raġonevoli biex jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu [...] 2 tkun kompluta, *preċiża u aġġornata. Meta l-isponsor jew il-fornituri[...] ta' servizzi ta' reklamar politiku jsiru konxji li l-informazzjoni trażmessa lill-pubblikatur tar-reklamar politiku, jew ippubblikata minnu, ma tkunx kompluta jew preċiża, huma għandhom jikkuntattjaw, mingħajr dewmien żejjed, lill-pubblikatur tar-reklamar politiku kkonċernat u, kif rilevanti, għandhom jitrażmettu informazzjoni kompluta jew ikkoreġuta lill-pubblikatur tar-reklamar politiku. Jekk il-pubblikatur tar-reklamar politiku jsir bi kwalunkwe mod konxju mill-fatt li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma tkunx kompluta jew tkun impreċiża, dan għandu jaġhmel sforzi raġonevoli, inkluż, kif rilevanti, billi jikkuntattja lill-isponsor jew lill-fornituri tas-servizz ikkonċernati, biex jikkompletaw jew jikkoreġu l-informazzjoni.[...]Fejn l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi kkompletata jew ikkoreġuta mingħajr dewmien żejjed, il-pubblikatur ma għandux jaġhmel disponibbli jew inkella ma jkomplix jippubblika jew jiddissemina [...] [...] r-reklam politiku. Il-pubblikatur għandu jinforma lill-isponsor jew lill-fornitur tas-servizzi li jaġixxi f'isem l-isponsor jekk ir-reklam politiku li jisponsorja ma jkunx disponibbli jew jitwaqqaf.*

4. [...]
5. Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku għandhom iżommu l-avviżi ta' trasparenza tagħhom flimkien ma' kwalunkwe modifika għal perjodu ta' ħames snin wara l-**aħħar pubblikazzjoni**[...] [...].
- 5a. ***Il-paragrafu 5 ma għandux japplika għal impriżi li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1 tad-Direttiva 2013/34/UE dment li l-forniment ta' servizzi ta' reklamar ikun purament marġinali u anċillari għall-attivitajiet ewlenin tagħhom.***
6. Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li huma pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2021/xxx [id-DSA] għandhom jiżguraw li ***għal kull reklam politiku, l-informazzjoni li tinsab fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ssir disponibbli immedjatament fir-repożitorji msemmija [...]***l-Artikolu [39[...]] ta' dak ir-regolament [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. ***Tali informazzjoni għandha tinżamm aġġornata u pprovduta skont standard tal-industrija miftiehem għall-aċċessibbiltà, l-istruttura tad-data u l-aċċess permezz ta' interfaċċa komuni għall-ipprogrammar tal-applikazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku***[...].
7. L-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet kompetenti, u l-Kummissjoni għandhom jinkoraġġixxu t-tfassil ta' kodiċijiet ta' kondotta maħsuba biex jikkontribwixxu għall-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tal-fornituri tas-servizzi rilevanti involuti u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju, skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/34/UE.

8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 19 biex temenda l-Anness I billi żżid[...] **jew** timmodifika [...] elementi mil-lista ta' informazzjoni ***fih***[...] fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, ***riċerka xjentifika rilevanti, żviluppi fis-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti u gwida rilevanti maħruġa mill-korpi kompetenti, u dment li l-elementi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jinżammu u li*** emenda bħal din hija meħtieġa għall-kuntest usa' tar-reklamar politiku u l-għanijiet tagħha li jkunu mifhuma.

Artikolu 8

Rapportar perjodiku dwar is-servizzi ta' reklamar politiku

1. [...]Il-pubblikaturi tar-reklamar ***politiku*** għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-ammonti jew il-valur ta' benefiċċji oħra riċevuti bi skambju parzjali jew sħiħ ***għas-***[...]servizzi ***pprovduti***, inkluż dwar l-użu ta' tekniki tal-immirar u tal-amplifikazzjoni, aggregati skont il-kampanji, ***mehmuża mar-***[...]rapport ta' ġestjoni tagħhom skont it-tifsira tal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2013/34/UE [...].
2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal impriżi li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 3, ***il-paragrafi 1 sa*** [...]3[...] tad-Direttiva 2013/34/UE.

Artikolu 9

Indikazzjoni ta' reklami politiċi possibbilment illegali

- 1.[...] [...]Il-pubblikaturi ta' reklamar ***politiku*** għandhom [...] jippermettu lill-***persuni fiżiċi jew ġuridiċi*** [...] jinnotifikawhom, mingħajr hłas, li reklam partikolari li jkunu ppubblikaw ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament.

- 2.[...] L-informazzjoni dwar kif għandhom jiġu nnotifikati r-reklami politiċi kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun faċli għall-utent u faċli biex tiġi aċċessata, inkluż mill-avviż ta' trasparenza.
- [...] Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku għandhom jippermettu s-sottomissjoni tan-**notifika** [...] msemmija fil-paragrafu 1 b'mezzi elettroniċi.
3. ***Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jindirizzaw b'mod diliġenti u oġġettiv u mingħajr dewmien żejjed in-notifiki riċevuti skont il-paragrafu 1, billi jikkuntattjaw lill-fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku rilevanti u, kif rilevanti, lill-isponsor.***
- 3a[...] [...]Il-pubblikaturi [...] tar-reklamar **politiku** għandhom jinformaw, **tal-anqas fuq talba u mingħajr dewmien żejjed, lill-persuni li għamlu n-notifika msemmija fil-paragrafu 1** [...] dwar is-segwitu mogħti **lilha** [...]. **Il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1 tad-Direttiva 2013/34/UE għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi biex jiżguraw l-konformità ma' dan il-paragrafu.**
- 3b. ***Fl-aħħar xahar qabel elezzjoni jew referendum, il-pubblikaturi tar-reklamar politiku li huma pjattaformi online kbar ħafna skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2022/XXX [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] għandhom jindirizzaw kwalunkwe notifika li jirċievu dwar reklamar marbut ma' din l-elezzjoni jew referendum fi żmien 48 siegħa.***
- 4.[...] Notifiki ripetitivi skont il-paragrafu 1 rigward l-istess reklam jew kampanja tar-reklamar jistgħu jitwieġbu b'mod kollettiv, inkluż b'referenza għal tħabbira fuq is-sit web tal-pubblikatur tar-reklamar politiku kkonċernat.

Artikolu 10

Trażmissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti

1. ***Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-Artikoli 6, 7 u 8, [...]***l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandu jkollhom is-setgħa jitolbu li l-[...]fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku jittrażmettu[...] ***kwalunkwe*** [...] informazzjoni ***meh̄tieġa*** [...]. L-informazzjoni trażmessa ***għandha*** [...] tkun kompluta, preċiża u affidabbli, u pprovduta f'format ċar, koerenti, konsolidat u li jinftiehem. Fejn ikun teknikament possibbli, l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa f'format li jinqara mill-magni.

- 1a.** It-talba *msemmija fil-paragrafu 1* għandu jkollha l-elementi li ġejjin:
- (a) dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tispjega l-objettiv li għalih tintalab l-informazzjoni u għaliex it-talba hija meħtieġa u proporzjonata, dment li t-talba ma jkollhiex l-objettiv tal-prevenzjoni, *id-detezzjoni*, l-investigazzjoni, [...] u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali *jew reati amministrattivi serji* u sal-punt li r-raġunijiet għat-talba jkunu jipperikolaw dak l-objettiv;
 - (b) informazzjoni dwar ir-rimedju disponibbli għall-fornitur tas-servizz rilevanti u għall-isponsor tas-servizz tar-reklamar politiku.
- 2.** Malli jirċievu talba skont il-paragrafu 1, il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku għandhom, fi żmien jumejn tax-xogħol, jirrikonoxxu li rċevew dik it-talba u jinformaw lill-awtorità bil-passi meħuda biex jikkonformaw magħha. Il-fornitur tas-servizz rilevanti għandu jipprovdi l-informazzjoni mitluba fi żmien 10 ijiem tax-xogħol. *Madankollu, il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1 sa 3 tad-Direttiva 2013/34/UE għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol.*
- 2a.** *B'deroga mill-paragrafu 3, fl-aħħar xahar ta' qabel elezzjoni jew referendum, il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba fi żmien 48 siegħa. Madankollu, il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku li jikkwalifikaw skont l-Artikolu 3, il-paragrafu 1 sa 3 tad-Direttiva 2013/34/UE għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jipprovdu l-informazzjoni mitluba mingħajr dewmien żejjed u fejn possibbli qabel id-data tal-elezzjoni jew referendum.*
- 3.** Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku għandhom jaħtru punt ta' kuntatt għall-interazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku *li jikkwalifikaw skont* [...] l-Artikolu 3, *il-paragrafi 1 sa 3* tad-Direttiva 2013/34/UE jistgħu jaħtru persuna fiżika esterna bħala punt ta' kuntatt.

Trażmissjoni ta' informazzjoni lil entitajiet interessati oħra

1. **Fuq talba mill-entitajiet interessati**, il-[...]fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku għandhom [...] jitrażmettu, **mingħajr ħlas**, l-informazzjoni **li huma meħtieġa jkollhom skont** [...] l-[...]Artikoli 6 u 7 lil **dawn** [...] l-entitajiet[...][...]

2. L-entitajiet interessati li jitolbu t-trażmissjoni tal-informazzjoni skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu indipendenti minn interessi kummerċjali u għandhom jaqgħu taħt waħda jew aktar mill-kategoriji li ġejjin:
- (a) riċerkaturi skrutinizzati f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2021/xxx [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali];
 - (b) membri ta' organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili li l-objettivi statutorji tagħha huma li tipproteġi u tippromwovi l-interess pubbliku, awtorizzata skont il-liġi nazzjonali jew id-dritt tal-Unjoni;
 - (c) atturi politiċi [...]; [...]
 - (d) osservaturi elettorali nazzjonali jew internazzjonali **rikonoxxuti**[...] fi Stat Membru[...]; **jew**
- (da) ġurnalisti.**

[...]

3. Wara talba minn entità interessata, fi żmien xahar, il-fornitur tas-servizz għandu jagħmel l-aħjar sforzi biex jipprovdi l-informazzjoni mitluba jew ir-rispons motivat tiegħu skont il-paragrafu 5.

4. Meta jkun qed iħejji l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafu 1, il-fornitur tas-servizz jista' jaggrega l-ammonti rilevanti jew ipoġġihom f'firxa, sal-punt meħtieġ sabiex jiproteġi l-interessi kummerċjali leġittimi tiegħu.
5. Meta t-talbiet skont il-paragrafu 1 ikunu manifestament bla bażi, mhux ċari jew eċċessivi, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' ċarezza tagħhom, il-fornitur tas-servizz jista' jirrifjuta li jwieġeb. F'dan il-każ, il-fornitur tas-servizz rilevanti għandu jibgħat tweġiba motivata **u informazzjoni dwar il-possibiltajiet ta' rimedju** lill-entità interessata li tagħmel it-talba.
6. Meta **l-ipproċessar tat**-talbiet skont il-paragrafu 1 [...] jinvolvi spejjeż sinifikanti, il-fornitur tas-servizz jista' jitlob tariffa raġonevoli u proporzjonata, li fi kwalunkwe każ ma għandhiex taqbeż l-ispejjeż amministrattivi tal-ġhoti tal-informazzjoni mitluba.
7. Il-fornituri tas-servizzi għandhom iġorru l-piż li juru li talba hija manifestament bla bażi, mhux ċara jew eċċessiva, jew li t-talbiet [...] jinvolvu spejjeż sinifikanti għall-ipproċessar.

KAPITOLU III – IMMIRAR U AMPLIFIKAZZJONI TAR-REKLAMAR POLITIKU

Artikolu 12

Projbizzjonijiet [...] relatati mal-immirar u l-amplifikazzjoni

1. It-tekniki tal-immirar jew tal-amplifikazzjoni li jinvolvu l-ipproċessar ta' ***kategoriji speċjali ta' data personali*** msemmija fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 fil-kuntest tar-reklamar politiku huma pprojbiti.
2. Il-***paragrafu 1*** [...] [...] ma għandux japplika għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(2)(a) [...] tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(2)(a) [...]tar-Regolament (UE) 2018/1725. ***Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu, il-kunsens espliċitu skont it-tifsira tar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725 għandu jingħata separatament u speċifikament għall-fini tar-reklamar politiku.***
- 2a. ***Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 9(2)(d) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(2)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1725.***
3. ***It-tekniki tal-immirar jew tal-amplifikazzjoni li jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali ta' suġġett li jkun magħruf b'ċertezza raġonevoli li jkun mill-inqas sena taħt l-età tal-votazzjoni stabbilita mir-regoli nazzjonali, fil-kuntest tar-reklamar politiku, huma pprojbiti.***

Artikolu 12a

Rekwiżiti speċifiċi relatati mal-immirar u tal-amplifikazzjoni

- I[...].*** Meta jużaw tekniki tal-immirar jew tal-amplifikazzjoni fil-kuntest tar-reklamar politiku li jinvolvi l-ipproċessar ta' data personali, il-kontrolluri għandhom, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/679 u fir-Regolament (UE) 2018/1725, kif applikabbli, jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) jaddottaw, [...] jimplimentaw **u jagħmlu disponibbli għall-pubbliku** politika interna li tiddekrivi b'mod ċar u b'lingwaġġ sempliċi **kif** [...] [...] **jintużaw** tali tekniki [...], u jżommu tali politika għal perjodu ta' ħames snin **mill-aħħar użu ta' dawn it-tekniki**;
- (b) iżommu rekords dwar l-użu tal-immirar jew tal-amplifikazzjoni, tal-mekkaniżmi, tat-tekniki u tal-parametri rilevanti użati, u s-sors(i) tad-data personali użat(i).
- (c) **jiżguraw il-forniment** [...], flimkien **mal-indikazzjoni li huwa** reklam politiku, **ta'** informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex l-individwu kkonċernat ikun jista' jifhem il-loġika involuta u l-parametri prinċipali tat-teknika użata, u l-użu ta' data ta' terzi u tekniki analitiċi addizzjonali. **L-informazzjoni għandha tinkludi, mill-inqas, l-elementi li ġejjin:**
- (i) **il-gruppi ta' riċevituri speċifiċi fil-mira, inklużi l-parametri użati biex jiġu ddeterminati r-riċevituri li r-reklamar jiġi disseminat lilhom;**
- (ii) **il-kategoriji u s-sorsi tad-data personali użati għall-immirar u l-amplifikazzjoni;**

Fl- [...] informazzjoni **li għandha tiġi inkluża għandu wkoll jkun hemm l-** [...] elementi deskritti fl-Anness II.

- (ca) [...] **tipprovdi**, flimkien mar-reklam, [...] **jew** fl-avviż ta' trasparenza meħtieġ skont l-Artikolu 7, referenza għal mezzi effettivi li jappoġġaw lill-individwi jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2016/679 **jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, kif applikabbli, b'mod partikolari, referenza għad-dritt tal-individwi li jagħtu jew jirtiraw il-kunsens kif applikabbli, u d-dritt ta' oġġezzjoni. Tali referenza għandha tinkludi link għal interfaċċa li tippermetti l-eżerċizzju ta' tali dritt.**

2[...]. [...] F'każ li **l-kontrollur** ikun differenti mill-pubblikatur tar-reklamar **politiku**, il-kontrollur għandu jittrażmetti l-politika interna **u jiżgura li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 punt (c) u (ca) tiġi kkomunikata** [...] lill-pubblikatur tar-reklamar politiku **biex il-pubblikatur tar-reklamar politiku jkun jista' jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament. L-informazzjoni għandha tiġi trażmessa f'waqtha u b'mod preċiż, f'konformità mal-aħjar prattiki u mal-istandards tal-industrija, u dan permezz ta' proċess awtomatizzat standardizzat fejn ikun teknikament possibbli.**

3. ***Jenħtieġ li, kif meħtieġ, il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jittrażmettu lill-kontrollur l-informazzjoni meħtieġa biex jikkonformaw mal-paragrafi 1 u 2.***
5. [...]
- 4[...]. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformita' ***mal-paragrafi 1 sa 3*** [...] għandha tiġi ppreżentata f'format li jkun faċilment aċċessibbli u, fejn ikun teknikament fattibbli, jista' jinqara mill-magni, ikun viżibbli b'mod ċar u faċli għall-utent, inkluż permezz tal-użu ta' lingwaġġ sempliċi.
7. [...]
- 5[...]. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformita' mal-Artikolu 19 biex temenda l-Anness II billi ***żżid jew*** timmodifika [...] elementi mil-lista ta' informazzjoni ***fi*** [...] fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, [...] riċerka xjentifika rilevanti, u żviluppi fis-superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti u gwida maħruġa mill-korpi kompetenti, ***u dment li l-elementi stabbiliti fil-paragrafu 1(c) ta' dan l-Artikolu jinżammu.***

Artikolu 13

Trażmissjoni ta' informazzjoni li tikkonċerna l-immirar jew l-amplifikazzjoni lil entitajiet interessati oħra

1. [...] [...] ***Il-kontrolluri*** [...] għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jibagħtu, fuq talba mill-entitajiet interessati f'konformita' mal-Artikolu 11(1), ***u mingħajr ħlas***, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12a.
2. L-Artikolu 11(2) sa (7) għandu japplika *mutatis mutandis*.

KAPITOLU IV – SUPERVIŻJONI U INFURZAR

Artikolu 14

Rappreżentant legali

1. Il-fornituri tas-servizzi li jipprovdu servizzi ta' reklamar politiku fl-Unjoni iżda li ma għandhomx stabbiliment fl-Unjoni għandhom jaħtru, bil-miktub, persuna fiżika jew ġuridika bħala r-rappreżentant legali tagħhom f'wieħed mill-Istati Membri fejn il-fornitur joffri s-servizzi tiegħu. ***Ir-rappreżentant legali maħtur għandu jirreġistra mal-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu (2a).***
 - 1a. ***Meta l-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligu skont il-paragrafu (1), l-Istati Membri għandhom jieħdu kwalunkwe miżura xierqa biex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, inkluż billi jwaqqfu l-pubblikazzjoni jew id-disseminazzjoni tar-reklami politiċi rilevanti meta l-konformità ma tkunx tista' tiġi żgurata mod ieħor.***
 2. Ir-rappreżentant legali għandu jkun responsabbli biex jiżgura l-konformità mal-obbligi tal-fornitur tas-servizz irrappreżentat skont dan ir-Regolament u għandu jkun id-destinatarju għall-komunikazzjonijiet kollha mal-fornitur tas-servizz rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. Kwalunkwe komunikazzjoni lil dak ir-rappreżentant legali għandha titqies bħala komunikazzjoni lill-fornitur tas-servizz irrappreżentat.
 - 2a ***L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda responsabbli biex tippubblika online, u taġġorna regolarment, l-informazzjoni dwar ir-rappreżentanti legali maħtura rreġistrati skont il-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-links għas-siti web rilevanti lill-Kummissjoni.***
 - 2b. ***Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi portal li jillinkja mas-siti web ipprovduti mill-Istati Membri skont il-paragrafu 2a.***

Awtoritajiet kompetenti u punti ta' kuntatt

1. L-awtoritajiet supervizzorji msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679 jew fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 2018/1725 għandu jkollhom il-kompetenza li jimmonitorjaw l-applikazzjoni tal-Artikoli **12 u 12a** ta' dan ir-Regolament skont il-qasam ta' kompetenza rispettiv tagħhom. L-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) 2018/1725 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2016/679 għandu japplika għall-attivitajiet koperti mill-Artikoli **12 u 12a** ta' dan ir-Regolament.
2. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti biex jimmonitorjaw il-konformità tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2021/xxx [DSA] mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11 u 14 ta' dan ir-Regolament, fejn applikabbli. L-awtoritajiet kompetenti maħtura skont ir-Regolament (UE) 2021/xxx [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] jistgħu jkunu wkoll waħda mill-awtoritajiet kompetenti maħtura biex jimmonitorjaw il-konformità tal-intermedjarji online mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5 sa 11 u 14 ta' dan ir-Regolament. Il-Koordinatur tas-Servizzi Diġitali msemmi fl-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2021/xxx f'kull Stat Membru għandu jkun responsabbli biex jiżgura l-koordinazzjoni fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-fornituri tas-servizzi intermedjarji kif definit mir-Regolament (UE) 2021/xxx [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali]. L-Artikolu 45(1) sa (4) u l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) 2021/xxx [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali] għandhom ikunu applikabbli għal kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-fornituri ta' servizzi intermedjarji.
3. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar biex ikunu responsabbli għall-applikazzjoni u l-infurzar tal-aspetti ta' dan ir-Regolament mhux imsemmija fil-paragrafi 1 u 2. ***Dawn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkunu differenti minn dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2.*** Kull awtorità kompetenti maħtura skont dan il-paragrafu għandha tgawdi strutturalment minn indipendenza sħiħa kemm mis-settur kif ukoll minn kwalunkwe intervent estern jew pressjoni politika. Hija għandha timmonitorja b'mod effettiv u b'indipendenza sħiħa u tiegħu l-miżuri meħtieġa u proporzjonati biex tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament.

4. [...]
5. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 3, meta jeżerċitaw il-**kompiti u s-setgħat superviżorji u** ta' infurzar [...] tagħhom fir-rigward ta' dan ir-Regolament, għandu jkollhom is-setgħa li:
- (-aa) jitolbu aċċess għad-data, għad-dokumenti jew għal kwalunkwe informazzjoni meħtieġa, b'mod partikolari mill-isponsor jew mill-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku kkonċernati;**
- (a) joħorġu twissijiet indirizzati lill-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku dwar in-nuqqas ta' konformità tagħhom mal-obbligi skont dan ir-Regolament;
- (aa) jordnaw il-waqfien tal-ksur u jirrikjedu li l-isponsors jew il-fornituri tas-servizzi ta' reklamar politiku jieħdu l-passi meħtieġa biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, filwaqt li jirrispettaw id-dritt fundamentali tal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni,**
- (b) jipubblikaw dikjarazzjoni li tidentifika l-persuna jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għall-ksur ta' obbligu stabbilit f'dan ir-Regolament u n-natura ta' dak il-ksur;
- (c) jimponu [...] multi **jew** [...] penali finanzjarji [...] **u, rimedji oħra kif xieraq, biex itemmu l-ksur b'mod effettiv, jew jitolbu lil awtorità ġudizzjarja fl-Istat Membru tagħhom biex tagħmel dan;**
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni **effettiva u strutturata fil-livell nazzjonali** fost l-awtoritajiet kompetenti **rilevanti kollha maħtura skont il-paragrafi 1 sa 3** [...], sabiex jiffaċilitaw l-iskambju rapidu u sigur ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-eżerċizzju tal-kompiti **u s-setgħat** superviżorji u ta' infurzar tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż billi [...] jikkondividu s-sejbiet u l-għarfien espert **biex jgħinu fl-identifikazzjoni tal-ksur**, u jikkoordinaw dwar l-applikazzjoni u l-infurzar tar-regoli rilevanti.

- 6a. *L-esperti maħtura mill-Istati Membri għandhom jiltaqgħu perjodikament fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qafas tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet b'bidma f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Regolaturi Ewropej għas-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva, u networks rilevanti oħra, sabiex jiffaċilitaw l-iskambju rapidu u sigur ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet marbuta mal-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji u ta' infurzar tagħhom skont dan ir-Regolament.*
7. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti bħala punt ta' kuntatt fil-livell tal-Unjoni għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 15a

Il-kooperazzjoni transfruntiera

1. *Il-konformità ma' dan ir-Regolament mill-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku għandha tkun soġġetta għall-kompetenza tal-Istat Membru fejn il-fornitur ikollu l-istabbiliment tiegħu. F'każ li l-fornitur ikun stabbilit f'aktar minn Stat Membru wieħed, dan għandu jitqies li huwa fil-ġurisdizzjoni tal-Istat Membru li fih ikollu l-istabbiliment ewlieni tiegħu.*
- 2[...]. *Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 15 u l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, [...], l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti tal-[...]Istati Membri kollha [...] għandhom jikkooperaw bejniethom u jassistu lil xulxin kif ikun meħtieġ.*

[...]

[...][...]

- 3.[...] [...]Malli tirċievi talba ġustifikata mingħand awtorità kompetenti oħra, awtorità kompetenti għandha tipprovdi assistenza lill-awtorità kompetenti l-oħra **mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahar wara li jirċievi t-talba** sabiex il-miżuri ta' superviżjoni jew ta' infurzar imsemmija fil-paragrafu[...]5 **tal-Artikolu 15** ikunu jistgħu jiġu implimentati b'mod effettiv, effiċjenti u konsistenti. [...] [...]Malli tirċievi talba **ġustifikata għal informazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor**, awtorità kompetenti [...] għandha, permezz tal-punti ta' kuntatt imsemmija fil-paragrafu 7 **tal-Artikolu 15**, **tipprovdi lil dik l-awtorità kompetenti bl-informazzjoni meħtieġa mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn 14-il jum wara li tirċievi t-talba. L-iskadenza tista' tiġi estiża għal xahar f'każijiet li jehliegu investigazzjoni addizzjonali jew informazzjoni minn diversi awtoritajiet kompetenti.**[...]
4. **Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru jkollha raġuni biex tissuspetta li fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku, li jkollu l-istabbiliment ewlieni tiegħu f' Stat Membru ieħor, ikun kiser dan ir-Regolament fit-territorju tagħha, hija għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-istabbiliment ewlieni, permezz tal-punt ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 15(7).**
5. **Notifika skont il-paragrafu 4 għandha tkun debitament motivata u tal-inqas tindika:**
- (a) **l-informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tal-fornitur ta' servizzi ta' reklamar politiku;**

- (b) *deskrizzjoni tal-fatti rilevanti, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament u r-raġunijiet għaliex l-awtorità kompetenti li bagħtet in-notifika tissuspetta li l-fornitur tas-servizzi kkonċernat kiser dan ir-Regolament, inkluż, jekk rilevanti, deskrizzjoni tal-fatti li jippermettu l-valutazzjoni tal-kriterji li jinsabu fl-Artikolu 16(3);*
- (c) *il-post fejn jista' jiġi rkuprat ir-reklam politiku rilevanti jew kopja tiegħu;*
- (d) *kwalunkwe informazzjoni oħra li l-awtorità kompetenti li bagħtet in-notifika tqis rilevanti, inkluż, fejn xieraq, informazzjoni miġbura fuq inizzjattiva tagħha stess.*
6. *Meta l-awtorità kompetenti tal-istabbiliment ewlieni ma jkollhiex informazzjoni suffiċjenti biex taġixxi fuq notifika msemmija fil-paragrafu 4, hija tista' titlob informazzjoni addizzjonali mill-awtorità kompetenti li tkun għamlet in-notifika li għandha ttiprovdi l-informazzjoni mitluba mingħajr dewmien żejjed.*
7. *L-awtorità kompetenti tal-istabbiliment ewlieni għandha, mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahar wara li tirċievi n-notifika msemmija fil-paragrafu 4 jew, fejn applikabbli, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, tikkomunika mal-awtorità kompetenti li tkun għamlet in-notifika, il-valutazzjoni tagħha tal-ksur suspettat u aktar informazzjoni dwar il-miżuri investigattivi jew ta' infurzar meħuda, jew maħsuba biex jittieħdu, sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament.*
8. *Meta l-investigazzjoni ta' ksur allegat tikkonċerna l-forniment ta' servizzi ta' reklamar politiku fi Stat Membru wieħed jew aktar li fih il-fornitur ma jkollux l-istabbiliment ewlieni tiegħu, l-awtorità kompetenti tal-istabbiliment ewlieni tista' tniedi u tmexxi investigazzjoni konġunta bil-parteċipazzjoni tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati:*
- (a) *fuq l-inizzjattiva tagħha stess u wara li tikseb il-qbil tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti mitluba; jew*

(b) fuq talba ta' awtorità jew awtoritajiet kompetenti oħra, abbażi tas-suspett motivat li l-forniment ta' servizzi ta' reklamar politiku minn fornitur tas-servizzi stabbilit fl-Istat Membru tal-istabbiliment ewlieni jkun kiser dan ir-Regolament jew affettwa b'mod sostanzjali lil individwi fit-territorju tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu t-talba.

9. *Għall-finijiet tal-paragrafu 8, l-awtorità kompetenti li titlob it-tneđija ta' investigazzjoni konġunta għandha ttiprovdi lill-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti l-oħra bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 5. Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li ma tipparteċipax f'investigazzjoni konġunta, hija għandha ttiprovdi lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra bi spjegazzjoni motivata għal dak l-għan. [...]*
10. *Fit-twettiq ta' investigazzjoni konġunta, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw in bona fide, u jeżerċitaw is-setgħat investigattivi tagħhom kif meħtiegħ għall-investigazzjoni tal-ksur allegat. L-awtoritajiet kompetenti f'investigazzjoni konġunta għandhom jinfurmaw lil xulxin bi kwalunkwe azzjoni ta' infurzar rilevanti li huma jibdedw jew li għandhom l-intenzjoni li jibdedw.*

Artikolu 16

Sanzjonijiet

1. [...] L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet, inkluż [...] multi **jew** [...] penali finanzjarji [...] **u, b'rimedji oħra kif xieraq**, applikabbli għall-fornituri ta' servizzi ta' reklamar politiku [...] għal ksur tal-**Artikoli 5 sa 11, 13 u 14 u għal sponsors għal ksur tal-Artikolu 5 u 6a.**[...] **Is-sanzjonijiet** [...] għal kull każ individwali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. **Fl-istabbiliment tas-sanzjonijiet applikabbli, għandhom jitqiesu r-regoli li jirregolaw il-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'media oħra u r-regoli jew il-kodiċijiet li jirregolaw il-professjoni tal-ġurnalist.**

- 1a. L-ammont massimu tas-sanzjoni finanzjarja li tista' tiġi imposta għandu jkun ibbażat fuq il-kapaċità ekonomika tal-entità soġġetta għal sanzjonijiet, li għandha tkun:**
- a) 4 % tal-introjt annwali jew il-baġit tal-isponsor jew tal-fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku kif applikabbli u skont liema jkun l-ogħla, jew**
 - b) 4 % tal-fatturat annwali madwar id-dinja tal-isponsor jew tal-fornitur tas-servizzi ta' reklamar politiku fis-sena finanzjarja preċedenti.**
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli sa 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.
3. Meta tittieħed deċizzjoni dwar it-tip ta' sanzjoni[...] u l-livell tagħha, għandha tingħata attenzjoni xierqa f'kull każ individwali, fost l-oħrajn, għal dan li ġej:
- (a) in-natura, il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;
 - (b) il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur;
 - (c) kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġi mitigat kwalunkwe dannu;
 - (d) kwalunkwe ksur preċedenti rilevanti u kwalunkwe fattur ieħor aggravanti jew mitiganti applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ; u
 - (e) l-grad ta' kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti.
- (ea) id-daqs u l-kapaċità ekonomika tal-entità soġġetta għal sanzjonijiet, fejn applikabbli.**

4. Il-ksur tal-Artikoli **7, 9 u 10** għandu jitqies bħala partikolarment serju meta jikkonċerna r-reklamar politiku ppubblikat jew disseminat matul ***l-aħħar xahar ta' qabel l-elezzjoni jew ir-referendum***[...] u dirett lejn iċ-ċittadini fl-Istat Membru li fih tkun qed tiġi organizzata l-elezzjoni ***jew referendum*** rilevanti.
5. [...]
6. Għal ksur tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli **12 u 12a**, l-awtoritajiet superviżorji msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679 jistgħu, skont il-kompetenza tagħhom, jimponu [...] multi f'konformità mal-Artikolu 83 tar-Regolament (UE) 2016/679 u sal-ammont imsemmi fl-Artikolu 83(5) ta' dak ir-Regolament.
7. Għal ksur tal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli **12 u 12a**, l-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 52 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tista' timponi multi[...], skont il-kompetenza tagħha f'konformità mal-Artikolu 66 tar-Regolament (UE) 2018/1725 u sal-ammont imsemmi fl-Artikolu 66(3) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 16a

Notifiki mill-awtorità kompetenti

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċedura amministrattiva jew rimedju ġudizzjarju ieħor, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindirizzaw kif xieraq kull notifika li jirċievu dwar ksur possibbli ta' dan ir-Regolament u, tal-anqas fuq talba, jinformat lill-persuna li tkun għamlet in-notifika dwar is-segwitu li jkun sar għaliha. Matul l-aħħar xahar qabel elezzjonijiet jew referendum, kwalunkwe notifika li tasal fir-rigward ta' dawn l-elezzjonijiet jew referendum għandha tiġi indirizzata mingħajr dewmien żejjed.

Pubblikazzjoni tad-dati tal-elezzjonijiet u tar-referenda[...]

1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw id-dati tal-*elezzjonijiet u r-referenda* [...] tagħhom f'post faċilment aċċessibbli, **u** b'referenza xierqa għal dan ir-Regolament.
2. ***Il-Kummissjoni għandha tipprovdi portal li permezz tiegħu l-Istati Membri għandhom jipprovdu, immedjatament wara t-tħabbir, id-dati tal-elezzjonijiet jew tar-referenda tagħhom. Il-portal għandu jkun disponibbli pubblikament.***

KAPITOLU V - DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 18

Evalwazzjoni u rieżami

1. Fi żmien sentejn wara kull elezzjoni għall-Parlament Ewropew u għall-ewwel darba sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu jivvaluta l-ħtieġa għal emenda għal dan ir-Regolament, ***b'mod partikolari fir-rigward ta'***
 - (a) ***l-effettività ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' mezzi speċifiċi ta' reklamar politiku;***
 - (b) ***ir-restrizzjoni ulterjuri tal-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet tat-tekniki tal-immirar u tal-amplifikazzjoni regolati skont dan ir-Regolament;***
 - (c) ***l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq atturi tal-media żgħar u ta' daqs medju;***
 - (d) ***it-tip u l-ammont ta' sanzjonijiet imposti mill-Istati Membri;***
 - (e) ***l-istabbiliment ta' repożitorji pubbliċi għar-reklamar politiku online kollu.***
2. Ir-rapport għandu jsir pubbliku.

Artikolu 19

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 7(8), u l-Artikolu ***12a(5[...])*** għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***3 snin minn ... [data tad-dħul fis-seħħ tal-att leġiżlattiv bażiku jew kwalunkwe data oħra stabbilita mill-koleġiżlaturi]. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk***

il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.[...]

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7(8) u fl-Artikolu **12a(5[...])** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
- 3a. *Qabel ma tadotta att delegat, kif imsemmija fl-Artikolu 7(8) u l-Artikolu 12a(5), il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.***
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika l-att simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7(8) jew l-Artikolu **12a(5[...])** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex sejrjn joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Għandu japplika minn **12-il xahar wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea [...]**.
3. Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 7(2)

- (a) meta l-avviż ma jkunx fir-reklam innifsu, eżempju/rappreżentazzjoni tar-reklam politiku jew link għalih.
- (b) l-identità u l-post tal-istabbiliment tal-isponsor li f'ismu jiġi disseminat ir-reklam, inkluż l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-posta elettronika tiegħu, u jekk hijiex entità fiżika jew ġuridika.
- (ba) *l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (b) dwar il-persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdri remunerazzjoni bi skambju għar-reklam politiku jekk din il-persuna tkun differenti mill-isponsor.***
- (c) il-perjodu li matulu r-reklamar politiku jiġi disseminat u, fejn applikabbli u magħruf mill-pubblikatur, il-fatt li l-istess reklam ġie disseminat fil-passat.
- (d) kwalunkwe elezzjoni li magħha jkun marbut ir-reklamar, jekk applikabbli.
- (e) l-ammont aggregat provviżorju minfuq, u l-valur ta' benefiċċji oħra riċevuti bi skambju parzjali jew sħiħ għar-reklam speċifiku, u l-kampanja ta' reklamar speċifika fejn rilevanti, inkluż it-tnejn, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tar-reklami politiċi, kif ukoll l-ammont reali aggregat minfuq u l-valur ta' benefiċċji oħra riċevuti ladarba jkun magħruf.
- (f) ***informazzjoni dwar*** is-sorsi tal-fondi li qed jintużaw għall-kampanja ta' reklamar speċifika inkluż għat-tnejn, it-tqegħid, il-promozzjoni, il-pubblikazzjoni u d-disseminazzjoni tar-reklami politiċi.
- (g) informazzjoni sinifikanti dwar il-metodoloġija użata għall-kalkolu tal-ammonti u l-valuri msemmija f'(e).

- (h) meta l-pubblikatur ikun pjattaforma online kbira ħafna, link għall-post tar-reklam fir-repożitorju tar-reklamar tal-pubblikatur.
- (i) fejn ir-reklam huwa marbut ma' elezzjonijiet jew referenda speċifiċi, links għal informazzjoni uffiċjali dwar il-modalitajiet għall-parteċipazzjoni fl-elezzjoni jew ir-referendum ikkonċernat.
- (j) informazzjoni dwar il-mekkaniżmu stabbilit skont l-Artikolu 9.

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-Artikolu 12a(I[...])

- (a) il-gruppi speċifiċi ta' riċevituri fil-mira, inkluż il-parametri użati biex jiġu deċiżi r-riċevituri li lilhom jiġi disseminat ir-reklamar, bl-istess livell ta' dettall bħal dak użat għall-immirar, il-kategoriji ta' data personali użati għall-immirar u l-amplifikazzjoni, l-għanijiet ta' mmirar u amplifikazzjoni, il-mekkaniżmi u l-loġika inkluż il-parametri tal-inklużjoni u l-esklużjoni u r-raġunijiet għall-għażla ta' dawn il-parametri.
 - (b) il-perjodu ta' disseminazzjoni, l-għadd ta' individwi li lilhom jiġi disseminat ir-reklam u indikazzjonijiet tad-daqs tal-udjenza fil-mira fl-elettorat rilevanti.
 - (c) is-sors tad-data personali msemmi fil-punt (a), inkluż, fejn applikabbli, informazzjoni li d-data personali nkisbet, għet inferita, jew inkisbet minn parti terza u l-identità tagħha kif ukoll link għall-avviż dwar il-protezzjoni tad-data ta' dik il-parti terza għall-ipproċessar inkwistjoni.
 - (d) link għal mezzi effettivi biex jiġi appoġġat l-eżerċizzju mill-individwi tad-drittijiet tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2016/679 jew ir-Regolament (UE) 2018/1725, kif applikabbli, fil-kuntest tal-immirar u l-amplifikazzjoni tar-reklamar politiku abbażi tad-data personali tagħhom.
- (da) link jew indikazzjoni ċara ta' minn fejn tkun tista' tiġi rkuprata faċilment il-politika msemmija fl-Artikolu 12a, il-paragrafu 1(a).***
-